# Familja

Ħarġa 05 : April 2019

MINISTERU GĦALL-FAMILJA, DRITTIJIET TAT-TFAL U SOLIDARJETÀ SOĊJALI



ĊENTRU SERVIZZ FAMILJA
servizz.gov

Segwi rapport f'paġna 40

Din il-pubblikazzjoni qed tkun possibbli grazzi għal diversi kontributuri li ħadmu magħna fil-passat, kif ukoll oħrajn ġodda. Dan bil-għan li l-impenn fl-istruttura korporattiva ta' din l-entità jkompli jissaħħaħ. Grazzi tmur ukoll lilkom il-qarrejja tal-kummenti pożittivi li tibgħatulna regolarment. Kuntatt magħna: ***familja.media@gov.mt***

GRAZZI

**L-Onorevoli Dr Michael Falzon** : Ministru
*għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali*

**Is-Sur Mark Musù** :
*Segretarju Permanenti fil-Ministeru MFCS*

**Is-Sur Anton Cesare** :
*Direttur Operations MFCS*

**Is-Sur Leonid McKay** : Kap Eżekuttiv
*tal-Awtorità tad-Djar*

**Is-Sur Matthew Vella** : Kap Eżekuttiv
*tal-Awtorità dwar Social Care Standards*

**Is-Sur Stefan Borg** :
*Koordinatur Media tal-Ministru*

**Is-Sur Ronald Zaffarese** :
*Koordinatur Attivitajiet Anzjani SVP*

**Is-Sur Tony Micallef** :
*Koordinatur PR tal-Bank tad-Demm*

**Is-Sur Philip Chircop** :
*Fundatur 'Nanniet Malta'*

**Is-Sur Emanuel Muscat** :
*Kittieb u Riċerkatur*

**Is-Sur Vince Tonna** :
*Senior Social Worker*

**Is-Sur George Zammit** :
*Gwida u Lajk*

**Is-Sa Sarah Borg** : Uffiċjal
*fi ħdan l-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti*

**Is-Sa Fabienne Grech** :
*Leader FSWS Għawdex*

**Is-Sa Doris Zammit** :
*Xandara veterana*

**Is-Sa Mary Grace Cassar** :
*Occupational Therapist*

**Is-Sa Mary Anne Zammit** :
*Kittieba u Artista*

# L-Editur

'Familja' hi inizjattiva tal-'Corporate-Wide Media & Communications' fi ħdan il-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali.

'Familja' toħroġ fil-verżjoni *on-line* kif ukoll stampata, maħsuba u indirizzata, għall-pubbliku nġenerali bħala l-vuċi uffiċjali ta' dan il-Ministeru. Din ir-rivistà titqassam mingħajr ħlas.

Jekk jogħġbok tikkontribwixxi b'xi kitba, twassal proposti jew xi suġġerimenti, inkella għaddejt minn xi esperjenza li tixtieq taqsam mal-qarrejja tagħna, nistiednuk tiktbilna fl-indirizz; ***familja.media@gov.mt***

Biex tirċievi 'Familja' tista' tiktbilna fl-indirizz elettroniku jew bil-posta; Tonio Bonello, MFCS Corporate-Wide Media & Communications, Palazzo Ferreria, numru 38 Triq L-Ordinanza, Valletta.

Il-kontenut f'kull ħarġa ta' 'Familja' mhux neċessarjament jirrifletti l-opinjoni Editorjali.



# Editorjal



**Tonio Bonello**
*Editur Media*
*Information & Communications Executive*
*Corporate-Wide Media & Communications MFCS*

## Dehra ġdida u moderna għar-rivista

Fid-dawl li aktar tard din is-sena se tkun qed tiġi proposta t-tieni fażi tal-istrateġija korporattiva ta' komunikazzjoni tal-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali, inħasset il-ħtieġa li jkun introdott kunċett ġdid fil-format u l-preżentazzjoni ta' din ir-rivista 'Familja'.

Kien għalhekk li d-daqs tal-pubblikazzjoni nbidel minn wieħed format A4 għal dak B5 biex tkun aktar konvenjenti tinġarr mill-qarrej. Fl-istess ħin, bi preparazzjoni għal applikazzjonijiet ġodda li magħhom se jkun qed tiġi inkorporata din ir-rivista.

Apparti li żdiedu l-paġni għaliex id-daqs fiżiku nbidel, però kif pjanat, komplew jiżdiedu l-paġni wkoll biex 'Familja' tkun tirrifletti tassew l-impenn li tkun il-vuċi uffiċjali ta' dan il-Ministeru fi rwol ta' kuntatt dirett mal-pubbliku. Fl-istess ħin b'varjetà ta' temi li joffru lill-qarrej, kontenut frisk, diversifikat u interessanti.

## Aktar kontributuri ġodda

Minn din il-ħarġa wkoll, bi pjaċir nixtieq nintroduċi numru ta' kontributuri ġodda.

Ingħaqdet magħna s-Sa Mary Anne Zammit b'materjal u intervisti dwar arti, mużika u kultura lokali.

Is-Sa Sarah Borg se tkun qed twassal ħsibijiet b'relevanza umanistika ta' min jixtarrhom u jirrifletti dwarhom.

Is-Sur Emanuel Muscat, kittieb u riċerkatur se jkun qed jitkellem minn dimensjoni ta' storja, militar u avjazzjoni, partikularment b'aċċenn għal-lokalità tal-Qrendi.

Bi pjaċir nixtieq nilqgħu magħna wkoll lis-Sur Leonid McKay, Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tad-Djar u s-Sur Matthew Vella, Kap Eżekuttiv tal-Awtorità dwar Standards ta' Ħarsien Soċjali.

Dawn l-entitajiet se jkunu qed jaġġornaw lill-qarrejja ta' din ir-rivista b'dak kollu ta' interess għall-pubbliku biex ikun infurmat dwar servizzi u skemi ġodda fost oħrajn.

Aktar entitajiet se jkomplu jingħaqdu magħna permezz ta' programm ta' laqgħat li qed isiru mad-diriġenti kollha inkwistjoni bil-għan li 'Familja' tkun tista' twassal aġġornament kostanti tax-xogħol kollu li qed isir minn dawn l-entitajiet.

**Ikompli >**

B'dan il-mod, nittama, se nkomplu nkunu ta' għarfien tas-servizzi kollha eżistenti u dawk li ġejjin offruti minn dan il-Ministeru.

## Użu għaqli ta' spazju battal

Qed tkun mistħarrġa l-possibbiltà li numru ta' kmamar li ma jintużawx u li saħansitra jistgħu jkunu ta' periklu fuq in-naħa ta' ġewwa tal-bejt tal-binja ministerjali, li dawn effettivament jitneħħew biex minflok issir struttura oħra ġdida.

Din mistennija tkun qed taqdi l-funzjoni u l-operat tad-Direttorat *Operations* b'aċċenn dwar il-faċilitajiet ġodda li fiż-żmien li ġej għandhom ikunu approvati kif imressqa fl-Istrateġija Korporattiva ta' Komunikazzjoni għal dan il-Ministeru.

Fid-dawl ta' dan, f'nofs Frar saret laqgħa fil-presenza tas-Segretarju Permanenti, is-Sur Mark Musù, id-Diretturi Rita Calleja (Servizzi Korporattivi) u Anton Cesare (Operazzjonijiet) u Tonio Bonello, Editur Media u l-awtur tal-iStrateġija biex kien spjegat fid-dettal dwar kif inhu propost u ppjanat li jista' jkun qed jiġi utilizzat dan is-sular.

Permezz ta' din l-inizjattiva, mhux biss se jkunu utilizzati l-istess spazji, iżda se jkun possibbli li jiġu introdotti faċilitajiet fl-oqsma tat-twassil ta' informazzjoni u komunikazzjoni għall-pubbliku.

Minn paġna 3 > **L-Editorjal**

## Parteċipazzjoni f'rivisti u gazzetti

It-Taqsima Korporattiva tal-Komunikazzjoni kompliet tiftaħ is-servizzi tagħha ta' komunikazzjoni, issa, fil-kapaċità personali, anke bis-sehem mill-ġdid fir-rivista ta' kull tliet xhur tad-DSS li toħroġ għall-impjegati tagħna, 'SOLIDarity'.

Dan is-servizz, intiż li joffri kunċett ta' ġrajjiet kurrenti, diġà kien isir qabel fl-istess rivista, kif qed isir ukoll għal *Senior Times* ta' *Allied Group* u anke ma' entitajiet oħra li jkunu jixtiequ s-servizzi tagħna fl-ispeċjalizzazzjoni ta' ġurnaliżmu u komunikazzjoni.

## Ħatriet fl-istrutturi tal-Ministeru

Matul dawn it-tliet xhur kellna diversi Diretturi u persuni f'karigi amministrattivi li ħallew l-impenn tagħhom minn mal-Ministeru, fil-parti kbira minħabba li waslu fl-età tal-irtirar.

Sussegwentement kienu maħtura numru ta' persuni li mlew dawn l-istess pożizzjonijiet.

Ma' dan, kien hemm ukoll bidla fin-nomenklatura tad-Direttorat tas-Simplifikazzjoni tal-Burokrazija waqt li għaddej proċess biex diġà ġew ingaġġati (mal-istess Direttorat issa msejjaħ Operazzjonijiet) diversi persuni esperti f'oqsma speċjalizzati waqt li l-proċess se jkompli fiż-żmien li ġej.

Dan u aktar fil-paġni li jmiss ta' din il-ħarġa ta' 'Familja'.



**L-Onor. Michael Falzon**

*Ministru għall-Familja, Drittijiet Tat-Tfal u Solidarjetá Soċjali*

# Passi soċjali kbar fix-xhur li ġejjin

Ninsabu fis-sena 2019. Ikolli nistqarr illi wieħed jista' jqis din is-sena bħala waħda li se tħalli legat lil dan il-pajjiż, wisq aktar, dinjità lill-ġenerazzjonijiet futuri tagħna.

Matul ix-xahar ta' Jannar, kien ppubblikat l-abbozz ta' liġi tal-Protezzjoni tal-Minuri biex b'hekk wasalna iktar viċin li naraw din il-liġi tant importanti tiġi aġġornata għall-bżonnijiet u r-realtajiet tal-lum.

Ikolli nammetti li ma kinitx triq faċli, sakemm wasalna għall-pubblikazzjoni ta' din il-liġi li tittratta sitwazzjonijiet tant delikati u li jinvolvu direttament lill-minuri.

L-Att hu intenzjonat fost oħrajn, illi jġib fis-seħħ diversi ordnijiet għall-protezzjoni tal-minuri u biex jistabbilixxi ħarsien alternattiv aktar miftuħ minn dak li jeżisti bħalissa.

Bl-istess qies, maħsub ukoll biex jagħti protezzjoni xierqa lill-minuri kollha li għandhom bżonn xi forma ta' protezzjoni.

Bidla importanti li hi proposta li ssir hi dik fil-qasam tal-*foster care*.

Permezz ta' din il-liġi, meta minuri jkun ilu fil-kura u kustodja ta' *foster carer* għal aktar minn ħames snin, il-*foster carer* jista' jitlob li jadotta lil dak il-minuri billi jippreżenta rikors fil-Qorti.

B'hekk dan it-terminu ġie mnaqqas minn għaxar snin għal ħames snin. Ovvjament, irid dejjem ikun hemm deċiżjoni tal-Qorti f'dan is-sens.

Il-liġi tistipula wkoll li ċerti uffiċjali mitluba biex jaħdmu mat-tfal, għandhom jinħatru wara sejħa pubblika u minn fost persuni li għandhom minimu ta' ħames snin esperjenza relatata ma' servizzi lill-minuri, u li dawn ikollhom ukoll kompetenzi maniġerjali.

Din il-liġi ġdida se tkun qed tiżgura li persuna li qed taġixxi b'mod vjolenti jew indiċenti tista' titneħħa hi minn dik il-familja.

Fil-maġġoranza tal-każijiet fil-preżent, qed ikunu t-tfal u l-ġenitur vittma li qed jispiċċaw jitilqu mir-residenza.

Bidla oħra se tkun qed tittratta l-obbligi tal-professjonisti.

**Ikompli >**

# Irridu aktar nies fid-dinja tax-xogħol

Minn paġna 5 > **Il-Ministru Michael Falzon**

Professjonist li jagħmel rapport lid-Direttur tal-Protezzjoni tal-Minuri, jew lil Pulizija *in bona fide*, dan bl-ebda mod ma jkun jista' jitqies li jwassal għal xi forma ta' reat, jekk tali rapport ma jirriżultax.

Din il-liġi, analizzat fost il-konsultazzjoni li saret, il-proposti kollha li rċevejna f'dan ir-rigward minn professjonisti u oħrajn, sabiex niggarantixxu l-aqwa għarfien possibbli qabel il-Qrati jiddeċiedu l-futur tat-tfal u l-vittmi.

Il-liġi tal-protezzjoni tat-tfal mhux l-unika aġenda fil-qasam soċjali ta' dan il-Gvern.

Se nkomplu mal-wegħdi tagħna li nimplimentaw iż-żidiet fil-pensjonijiet, u fiċ-*children's allowance*, flimkien ma' estensjoni ta' miżuri soċjali oħra li komplew idaħħlu aktar nies fid-dinja tax-xogħol u jtejbu l-livell ta' għixien tal-poplu tagħna.




Ma' dan kollu iżda, hu kruċjali illi kull deċiżjoni li tittieħed f'dan il-qasam tpoġġi dejjem l-interess tat-tfal l-ewwel u qabel kollox; xi ħaġa li issa hi nkluża speċifikament fil-liġi proposta.



Fil-qasam tal-akkomodazzjoni soċjali, komplejna ngħinu lil persuni li jikru residenzi privati, bl-iskop tal-iskema jkun dak li tipprovdi benefiċċju fuq il-kera mħallsa fuq residenzi ordinarji mikrija mill-privat.

Dan il-benefiċċju għall-ewwel darba qiegħed jiġi kkalkulat mhux biss fuq id-dħul tal-applikanti iżda anke fuq in-nefqa tagħhom fuq il-kera.

Inwiegħed, li bħala Ministru tal-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali, se nkompli nagħmel id-differenza għall-aħjar, flimkien mal-Prim Ministru u kollegi Ministri, biex dan il-pajjiż verament inkomplu mmexxuh 'il quddiem b'passi mgħaġġlin.

Irridu fl-istess ħin nibqgħu dejjem saqajna mal-art u m'għandha qatt tikbrilna rasna.

Għad hemm nies li qed isibuha diffiċli biex jgħixu dik il-ħajja ta' kwalità li huma jixtiequ.

Huwa għalhekk, li se nżidu fl-isforzi tagħna biex dawn in-nies ukoll igawdu mis-suċċess ekonomiku li kiseb pajjiżna!

# Sena ġdida...

# Programmi ġodda ta' ħidma



**Mark Musú**

*Segretarju Permanenti*

*Ministeru għall-Familja, Drittijiet Tat-Tfal u Solidarjetá Soċjali*

Fl-aħħar ħarġa ta' 'Familja' ktibt li fil-Baġit għall-2019 ġejna fdati b'25 miżura u inizjattiva biex jitwettqu mill-Ministeru bil-għan li jissokta t-titjib fil-qafas tal-protezzjoni soċjali.

Kemm b'titjib f'benefiċċji u skemi eżistenti u kemm b'inizjattivi ġodda biex nilqgħu għar-realtajiet ġodda fis-soċjetà.

Fl-aħħar xahrejn tal-2018, immedjatament wara li tħabbar il-Baġit, uffiċjali u mpjegati fid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali u fil-MITA, l-aġenzija għall-informazzjoni teknoloġika, ħabirku biex ifasslu programm ta' ħidma biex mal-bidu tas-sena, bla telf ta' żmien, nibdew inwettqu dawn il-miżuri.

Tant li fl-ewwel tliet xhur tas-sena se jkun irnexxilna nimplimentaw u nniedu 15-il miżura mit-total kollu ta' miżuri soċjali mħabbra fil-Baġit.

B'hekk, fl-ewwel kwart tas-sena se nkunu wettaqna 60% mill-programm soċjali mħabbar fil-Baġit 2019.

Ma setax jonqos li nkunu daqstant impenjati għax dawn huma miżuri li jolqtu mill-qrib lill-faxex sħaħ tal-popolazzjoni.

Fost dawn familji, speċjalment dawk bit-tfal, anzjani, pensjonanti u romol, kif ukoll persuni li jaħdmu għal rashom.

Persuni oħrajn invalidi jew ibatu minn mard kroniku, tfal li jsofru minn xi forma ta' diżabilità fiżika jew mentali u persuni li jieħdu ħsieb l-anzjani fi djarhom.

Bdejna bil-familji bit-tfal taħt is-sittax-il sena bil-ħlas taċ-*Children's Allowance.*

Fost it-42,000 familja li rċevew pagament kien hemm familji li gawdew minn żidiet fir-rati tal-*allowance* skont id-dħul tagħhom, li ma jkunx jaqbeż id-dħul nett ta' €18,000 fis-sena.

## Pensjonanti u anzjani

Miżura oħra qawwija kienet dik li niedejna fl-ewwel ġimgħat ta' Jannar. B'riħet din il-miżura, madwar 92,000 pensjonant bdew jibbenefikaw minn żieda ta' €4.50 fil-ġimgħa fil-pensjoni tagħhom, inkluż iż-żieda għall-għoli tal-ħajja.

Barra minn pensjonanti tal-irtirar, iż-żieda bdew jirċevuha wkoll ir-romol, pensjonanti tal-irtirar, tal-invalidità u dawk li jieħdu l-pensjoni mhux kontributorja tal-età.

**Ikompli >**

# “Tibqa’ dejjem il-mira li nbiegħdu mill-faqar lil dawk fis-saff ta’ isfel tas-soċjetà.”

Minn paġna 7 > **Is-Segretarju Permanenti Mark Musù**



Matul is-sena n-nefqa b’riżultat ta’ din iż-żieda ser tikber b’€21 miljun. Anzjani oħra li ġew imwieżna kienu dawk ta’ ’l fuq minn 75 sena u li għadhom jgħixu f’darhom.

Ma’ dawn hemm ukoll dawk fl-età ta’ bejn 63 u 74 sena li għalkemm ħallsu numru ta’ kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali, m’għandhomx biżżejjed biex jikkwalifikaw għal pensjoni.

Fl-ewwel ġimgħa ta’ Frar dawn il-persuni, li jlaħħqu aktar minn 43,000, irċevew bejniethom madwar €12-il miljun.

Ovvjament ix-xogħol fil-Ministeru mhux ristrett għat-twettieq tal-miżuri tal-Baġit.

Barra l-ħidma ta’ kuljum biex naqdu mill-aħjar u ngħollu l-kwalità tal-ħajja tal-klijenti tagħna, niffokaw fuq dawk l-oqsma li nħossu li minkejja l-progress li jkun sar, xorta waħda jkun hemm lok ta’ aktar titjib jew irtokki fl-iskemi.

Dan biex inkunu ta’ aktar sostenn mal-batut jew ma dawk li minkejja li jaħdmu, id-dħul tagħhom huwa baxx.

Naraw ukoll min għadu fuq l-assistenza soċjali biex jekk huma tajba għax-xogħol inħeġġuhom isibu mpjieg.

Huwa fatt magħruf li l-għadd ta’ nies bla xogħol laħaq l-anqas livelli li qatt kellu l-pajjiż. Dan wassal ukoll biex in-numru ta’ persuni li jgħixu fuq il-benefiċċji soċjali naqas bin-nofs u issa niżel taħt is-7,000 persuna.

Xorta waħda, iżda, fadal nies li minkejja l-iskemi tat-*tapering* u tal-*In-Work Benefit* għadhom jgħixu fuq l-għajnuna soċjali. Iridu niflu x’inhi l-kawża ta’ dan u x’jista’ jsir biex bil-kelma t-tajba jitħajru huma wkoll isibu xogħol.

Fejn hemm ħiliet nieqsa ngħinuhom jiksbuhom permezz ta’ programmi mħaddma minn aġenziji oħra.

Sintendi, fejn hemm l-abbuż jittieħdu l-passi neċessarji, iżda fejn hemm raġunijiet validi, irridu naraw kif dawn il-persuni jistgħu jiġu mgħejjuna biex itejbu l-kwalità tal-ħajja tagħhom u ta’ dawk li jiddependu minnhom.

Fuq kollox tibqa’ dejjem quddiem għajnejna l-mira li nbiegħdu mill-faqar lil dawk fis-saff ta’ isfel tas-soċjetà. F’dawn l-aħħar snin sar progress ġmielu, però xorta nemmnu li għad hemm fejn irridu naqdfu.

## Akkommodazzjoni Soċjali

Sfidi oħra jolqtu s-settur tal-*housing* li uħud minnhom tfaċċaw b’riżultat tas-suċċess ekonomiku tal-pajjiż u l-influss ta’ ħaddiema barranin li dan ġab miegħu.

**Ikompli >**

# "Aktar stabilità fis-suq biex dawk li jikru jgħixu mingħajr inċertezza"



Minn paġna 8 > **Is-Segretarju Permanenti Mark Musù**

Il-Baġit indirizza dawn l-isfidi b'mod partikulari tant li tmien miżuri mill-25 li semmejt fil-bidu huma ntiżi biex jilqgħu għall-problemi li nħolqu u biex ikomplu jgħinu u jipproteġu l-interessi ta' nies li qed jikru jew jeħtieġu akkomodazzjoni soċjali, mingħajr ma jixxekkel il-progress ekonomiku.

Dawn il-miżuri huma fdati f'idejn is-Segretarjat Parlamentari għall-Akkomodazzjoni Soċjali u l-Awtorità tad-Djar. L-impenn tagħhom biex it-twettieq ta' dawn l-inizjattivi jsir mingħajr dewmien jinħass sew.

Dan qed isir fid-dawl tar-reazzjoni pożittiva tas-soċjetà ċivili u ta' organizzazzjonijiet interessati għal proposti miġbura fil-*White Paper* li ħarġet għall-konsultazzjoni pubblika ftit xhur ilu.

Id-deċiżjonijiet li jridu jittieħdu ser ikunu mmirati għall-ħolqien ta' aktar stabilità fis-suq biex dawk li jikru jgħixu mingħajr inċertezza u hekk tissaħħah ukoll ir-relazzjoni bejn il-kerrejja u s-sidien.

Minn naħa tagħha l-Awtorità qed isaħħaħ l-istrutturi tagħha biex tkun tista' tlaħħaq mal-impenji ġodda li ser iġġib magħha r-riforma dwar il-kirjiet, inkluż ir-reġistrazzjoni obbligatorja tal-kuntratti tal-kera u l-infurzar tar-regolamenti.

Bħala parti mit-tħejjija ta' qafas legali għal din ir-riforma, barra mill-analiżi ta' dak li ħareġ mill-konsultazzjoni pubblika, qed isiru riċerka u kuntatti f'pajjiżi Ewropej fuq servizz simili għal dak li ġie propost fil-*White Paper*.

Pass importanti kien dak li twettaq lejn l-aħħar ta' Jannar bit-tnedija ta' bidla radikali fl-iskema ta' benefiċċji għall-kera ta' residenzi privati, biex din tirrifletti aktar is-suq tal-kera u b'hekk il-kera ssir aktar affordabbli.

Bis-saħħa ta' din l-iskema ġdida, madwar 2,000 familja bi dħul baxx li jikru fejn jgħixu ser igawdu minn titjib fis-sussidju li ser jiżdiedu għal bejn €3,600 u €5,000 fis-sena, skont id-daqs u d-dħul tal-familja rispettivament. **Ikompli >**

# "Aktar miżuri biex il-pubbliku jkun moqdi dejjem aħjar u bil-kumdità."

Minn paġna 9 > **Is-Segretarju Permanenti Mark Musù**




L-Awtorità għaddejja wkoll b'ħidma u taħdidiet biex tniedi skema ġdida ta' *Equity Sharing* biex tgħin persuni li għalqu l-40 sena u li huma separati jew divorzjati biex dawn ikunu jistgħu jixtru dar huma wkoll.

Fl-istess waqt miexi ġmielu l-proġett ta' bini ta' appartamenti ġodda f'diversi partijiet tal-pajjiż biex tkun tista' tintlaħaq aħjar id-domanda għall-akkomodazzjoni soċjali.

Dan waqt li  qed ikompli l-programm ta' tiswijiet, manutenzjoni u tisbiħ ta' bini fuq madwar 46 blokka fl-oqsma tad-djar.

## Programm ta' simplifikazzjoni

F'dawn l-aħħar snin il-Ministeru nieda sensiela ta' miżuri biex ix-xogħol fid-diversi taqsimiet isir b'aktar effiċjenza.

Fost affarijiet oħra, biex jittaffa x-xogħol amministrattiv u l-aktar importanti, li l-pubbliku jkun moqdi dejjem aħjar u bil-kumdità.

Din is-sena wkoll id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, San Vinċenz de Paule u l-Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, fasslu kullana ta' disa' inizjattivi biex jiġu varati matul is-sena.

Uħud minnhom jolqtu direttament lill-benefiċjarji, fosthom l-anzjani u l-persuni b'diżabilità li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tas-Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva. Oħrajn huma maħsuba l-aktar għat-tkattir tal-effiċjenza fid-dipartimenti kkonċernati.

Dawn jinkludu sistema amministrattiva ġdida għat-tħaddim tal-pensjonijiet tas-servizz u aġġornament tad-*databases* tal-Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità dwar xogħol li jsir mit-taqsimiet tal-Investigazzjoni, Komformità u Servizzi.

Is-sistema se tkun qed tkopri wkoll proċess awtomatiku biex pagamenti tal-pensjonijiet, li diġà jitwaqqfu b'mod awtomatiku malli d-Dipartiment tasallu informazzjoni dwar id-data tal-mewt ta' pensjonant, jibdew ukoll jinħadmulhom l-aħħar aġġustamenti meħtieġa b'anqas bżonn ta' interventi manwali.

Biex benefiċjarji jinqdew aħjar qed jinħoloq proċess biex dawk li jieħdu l-Assistenza għal Diżabilità Severa jew Assistenza għal Vista Batuta tiżdidilhom awtomatikament ir-rata tal-Pensjoni tal-Età malli jkunu eliġibbli, mingħajr il-bżonn li japplikaw.

**Ikompli f'paġna 11>**

# Kors fil-Litteriżmu Finanzjarju

Il-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali bi pjaċir iħabbar li se jkun qed iniedi serje ta' korsijiet dwar Litteriżmu Finanzjarju.

MCAST
Malta College of Arts, Science & Technology




Din l-inizjattiva qed tkun possibbli bil-kollaborazzjoni tal-Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST) kif ukoll il-Programm ta' Fondi tal-Unjoni Ewropeja 2014 – 2020 rispettivament.

Kull kors f'livell MQF Livell 3 hu primarjament maħsub għal persuni li qed jaħdmu f'ambjenti ta' gruppi żvantaġġati.

Kors fil-Litteriżmu Finanzjarju jkopri taħriġ b'kuntatt ta' 60 siegħa u 90 siegħa ta' studju individwali bil-għan li dawk li se jibbenifikaw minn dan it-taħriġ ikunu jistgħu jgħaddu l-istess għarfien fi ħdan gruppi vulnerabbli.

It-taħriġ fil-Litteriżmu Finanzjarju jkopri żewġ dimensjonijiet, jiġifieri: L-Ewwel Taqsima dwar immaniġġjar monetarju, u t-Tieni Taqsima dwar pjanar f'kuntest ta' investiment u finanzi personali.

Il-kors se jkun qed jiġi organizzat kemm f'Malta, kif ukoll f'Għawdex fuq perjodu ta' sitt ġimgħat.

L-applikazzjonijiet jistgħu jiġu sottomessi permezz tal-link; *Financial Literacy Award (MQF Level 3).*







Minn paġna 10 > **Is-Segretarju Permanenti Mark Musù**

Ser ikollna wkoll faċilità biex persuna tkun tista' tibgħat kopja skenjata taċ-ċertifikat tal-mard permezz ta' imejl; u biex innaqqsu l-iskariġġ tal-persuna, ser titneħħa l-proċedura li persuna jkollha tidher quddiem bord mediku biex jiġi estiż il-benefiċċju tal-mard, kemm-il darba l-persuna tkun diġà dehret quddiem bord ieħor għall-istess raġuni.

Dan kollu huwa xhieda tax-xogħol siewi u ma jaqta' xejn li qed isir fuq diversi binarji f'dan il-Ministeru u huwa xhieda wkoll tal-impenn tal-ħaddiema kollha li jaħdmu f'dan il-qasam b'risq l-eluf kbar ta' benefiċjarji soċjali.




# Id-Dipressjoni u ċirkostanzi relatati



**Mary Grace Cassar**

*Occupational Therapist*

Fiċ-ċikostanzi tal-lum, forsi b'mod aktar fl-apert mill-passat, sikwit nitkellmu dwar ċertu problemi soċjali.

Jista' jkun ukoll li sikwit, bħal nispiċċaw naghtu tort lil ċertu progress fir-rigward ta' ċertu problemi u b'hekk, bħal meta nitkellmu dwar ċirkostanzi bħalma hija d-dipressjoni, sikwit nisimgħu min jgħid li llum il-ħajja saret wisq mgħaġġla b'mod li donnu ħadd m'għandu ħin għal ħadd.

Ir-Reġina Elizabetta I tal-Ingilterra (1533-1603) żgur li kellha ma' min tgħid kelma, iżda jingħad li din kienet mietet b'kaġun ta' dipressjoni wara li f'qasir żmien ingħatat l-aħbar tal-mewt ta' numru ta' qraba tagħha.

Dan jurina kemm id-dipressjoni ma taffettwax biss xi faxxa soċjali partikolari, iżda ma dan wieħed wkoll irid iżid li din il-kundizzjoni ma tafx etajiet.

Kif semmejna, mhux każ li ngħidu li każijiet ta' dipressjoni huma xi skoperta reċenti. Ċertu fatturi soċjali llum, iżda, ċertament jaf qed iwasslu aktar biex din il-kundizzjoni tinfirex, inkluż fost persuni ta' età żgħira.

Dan ipoġġi kundizzjonijiet mentali f'perspettiva partikolari hekk kif ir-riċerka turi li kundizzjonijiet relatati mistennija jgħollu rashom ħafna aktar fis-snin li ġejjin.

Illum il-ġurnata nisimgħu politiċi, bħall-Prim Ministru Ingliża Theresa May, jitkellmu dwar l-importanza ta' Ministeru li jindirizza speċifikament problemi relatati ma dawk li jħossuhom weħidhom.

Dan darba li l-istess problemi soċjali jħallu impatt fuq l-iżvilupp ta' pajjiż. Persuna ta' età żgħira b'dipressjoni ssibha diffiċli li tikkontribwixxi lejn l-istat bix-xogħol tagħha, filwaqt li anzjani b'dipressjoni jirrappreżentaw neċessitajiet ta' kura varja.

Kundizzjonijiet mentali mhumiex biss relatati ma' mard bħalma hija d-dimenzja u l-anzjetà, iżda l-istess kundizzjonijiet jafu wkoll iwasslu għal aktar realtajiet fost il-popolazzjoni.

F'dan il-kuntest, jekk nagħmlu analiżi taċ-ċirkostanzi f'Malta u naħsbu ftit, nirrealizzaw kemm f'pajjiżna hawn fatturi pożittivi li nistgħu nużaw biex niġġieldu kontra ċertu fatturi u kundizzjonijiet.

F'kull lokalità f'Malta għandek fost l-oħrajn il-każini tal-banda u f'ċerti każijiet, aktar minn wieħed. Dawn joperaw bħal ċentri ta' matul il-jum fi ħdan is-soċjetà fejn, taħt saqaf wieħed, qed jilqgħu nies differenti.

B'hekk dawn l-entitajiet qed ikomplu jżidu max-xogħol li jsir minn entitajiet varji inkluż il-Kunsilli Lokali li permezz ta' gruppi varji, dawn ukoll jikkontribwixxu ħafna f'dan l-aspett, partikolarment fost l-anzjani.

**Ikompli >**




Minn paġna 12 > Mary Grace Cassar

**B**'dan il-mod il-komunità lokali tinġabar aktar f'sens li indirettament persuna tiltaqa', issir taf u tistaqsi dwar persuni oħra.

Kienu ċertu fatturi tal-komunità lokali li, b'kuntrast ma' xenarji ta' pajjiżi oħra Ewropej, f'Malta, ngħidu aħna, il-kriminalità ma tinfirixx b'ċertu saħħa fost dawk ta' età żgħira.

Dan is-suġġett imsejjaħ *age crime continuum*, jagħti stampa pożittiva dwar l-identità soċjali Maltija li iżda xorta waħda hemm fejn irridu naħdmu biex nipproteġu t-tajjeb tagħna.

Illum naraw ħafna problemi soċjali li qed idgħajfu bil-bosta l-komunitajiet tagħna u dan ifisser li, gradwalment, dak li seħħ f'pajjiżi oħra jista' jseħħ hawn ukoll fi ftit snin oħra.

Ċerti ċirkostanzi ta' problemi familjari, separazzjonijiet varji, żgur li jwasslu għal ċerti ħtiġijiet ġodda, inkluż aktar problemi finanzjarji għall-ġenituri, u f'ġirja waħda mal-ħajja, forsi ċerti nies ftit jagħtu kas in-neċessitajiet vera tat-tfal.

Huwa dan li jista' jwassal għal ċerti kundizzjonijiet fit-tfal bħal ma huma ansjetà u aktar rabja fil-karattru tagħhom.

Darba dawn il-kundizzjonijiet ma jiġux indirizzati immedjatament, faċilment li dawn jistgħu jwasslu għal imġieba fost minorenni li tista' tinkludi xi forma ta' reati.

Hawn irridu ngħidu li l-liġi f'Malta bħal teżonera ċertu mġieba skorretta minn xi persuni taħt l-età ta' 14-il sena. Iżda dan ma jfissirx li ma hawnx ċirkostanzi li għandhom jiġu indirizzati f'età bikrija.

Irridu nkunu konxji li dak li ma jiġix indirizzat llum faċilment insibuh ma wiċċna għada, u dan meta ċerta kundizzjoni jista' jkun li jkollha għeruq aktar fil-fond biex tista' tiġi kkurata.

Fid-dawl ta' dan kollu forsi tgħidu, illum tkellimna dwar wisq suġġetti differenti. Iżda jekk nippermettu li persuni mis-soċjetà tagħna jiġu iżolati, inkunu bħal qed nifthu aktar il-bieb għal problemi varji li jistgħu jinkorporaw, mhux biss każijiet ta' saħħa mentali, iżda gradwalment ukoll inkunu qed inqarrbu lejn fatturi bħalma hija aktar kriminalità fostna.

Dan kollu jispiċċa jaffettwa ċirkostanzi politiċi lokali għada u rridu nagħmlu tajjeb għalihom mit-taxxi tagħna, bħal aktar servizzi ta' kura u sigurtà fost oħrajn.

Analiżi lokali twassalna biex nirrealizzaw il-ġid indirett li jsir minn entitajiet varji li joperaw fil-komunitajiet lokali tagħna b'mod li l-istess komunitajiet jinżammu ħajjin bl-involviment ta' karattri differenti.

Dawk responsabbli minn dawn l-entitajiet għandhom ikunu konxji ta' dan ir-rwol soċjali tagħhom u jekk nerġgħu nsemmu l-każini tal-banda, is-suċċess tal-kumitati għandu jitkejjel b'mod li jmur lil hinn mill-involviment tal-każin fil-festi esterni tal-lokal.

Jidher ċar li bosta entitajiet, inkluż dawk sportivi partikularment permezz tan-*nurseries,* jaħdmu ħafna f'dan l-aspett. Iżda dawk kollha f'xi pożizzjoni jew kariga fost l-entitajiet lokali, iridu jkunu kontinwament konxji ta' dan.

Nirrikonoxxi d-diffikultajiet li ċertu ċirkostanzi jistgħu jippreżentaw għal nies mhux midħla ta' kundizzjonijiet varji, iżda xenarju ta' aktar nies iżolati mentalment fost il-komunitajiet tagħna jwassal biss għal tmermir gradwali tas-soċjetà

Merħba. Minn din il-paġna bħas-soltu qed inwasslu l-programm ta' attivitajiet għall-anzjani tar-Residenza San Vinċenz De Paule ibbażata fuq l-erbà xhur li jkunu ġejjin.

Peress li dan hu programm fit-tul, jista' jkun li xi attivitajiet ma jkunux għadhom ġew skedati u allura ma jkunux qed jidhru hawn.

Minkejja dan qed nagħmlu minn kollox biex sal-aħħar data qabel din ir-rivista' tasal għandkom, inkunu kemm jista' jkun preċiżi dwar avvenimenti fuq ġewwa kif ukoll fuq barra li jkunu se jsiru għalikom l-anzjani, partikularment minn din ir-residenza.

Nixtiequ ninfurmaw li, apparti l-attivitajiet kif jidhru hawn, ta' kuljum fl-10.15 ta' filgħodu l-anzjani residenti jittieħdu l-knisja ta' SVP għall-Quddiesa.

Kuljum ukoll wara nofsinhar, bi skeda jkunu offruti servizzi u attivitajiet diversi.

Fost dawn, logħob tat-tombla, *board games, reminiscence*, qari, tpinġija, komunikazzjoni, sport, mużika, ċinema, *crafts, crosswords,* u issa wkoll, *chair exercise.*

Għas-sena d-dieħla hu maħsub li se tkun introdotta *Mobile Library* biex ikunu jistgħu jintlaħqu wkoll dawk ir-residenti li jħobbu jaqraw.

# SVP > Attivitajiet



**Ronald Zaffarese**
*Koordinatur AAU*
*Residenza SVP*

**APRIL**

01.04 : 10.00am > Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira mit-tfal parroċċa Qormi bil-vari fis-swali.
07.04 : 10.00am > Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira mill-impjegati u voluntieri bil-vari f'SVP.
13.04 : 10.00am > Ċinema (Blue Hawaii)
27.04 : 09.30am > Ħarġa sal-Buskett
28.04 : 09.30am > Ħarġa fil-Kampanja

**MEJJU**

04.05 / 05.05 / 08.05 : 09.30am > Ħarġa sal-Buskett
11.05 : 10.00am > Festin ta' Jum l-Omm
15.05 : 09.30am > Ħarġa fil-Kampanja
22.05 : 09.30am > Ħarġa sal-Buskett
26.05 : 09.30am > Ħarġa fil-Kampanja

**ĠUNJU**

01.06 : 06.00am > Pellegrinaġġ ta' Pinu Għawdex
02.06 : 09.00am > Ħarġa sar-Rabat
05.06 / 08.06 : 09.30am > Ħarġa sal-Buskett
09.06 : 09.30am >Ħarġa sar-Rabat
12.06 : 09.30am >Ħarġa sal-Buskett
14.06 : 05.30pm > Father's Day Bar BQ
18.06 : 05.30pm > Ħarġa B'Bugia
19.06 : 05.30pm > BBQ
25.06 : 05.30pm > Ħarġa B'Bugia
25.06 /26.06 / 27.06 : 05.30pm > Festa Qalb ta' Ġesu'

**LULJU**

01.07 / 02.07 : 05.30pm > Ħarġa B'Bugia
03.07 : 17.30pm - BBQ
08.07 / 09.07 : 05.30pm > Ħarġa B'Bugia
10.07 : 17.30pm - BBQ
15.07 / 16.07 : 05.30pm > Ħarġa B'Bugia
17.07 : 17.30pm - BBQ
22.07 / 23.07 : 05.30pm > Ħarġa W'Għajn
24.07 : 17.30pm - BBQ
29.07 / 30.07 : 05.30pm > Ħarġa W'Għajn
31.07 : 17.30pm - BBQ

# Tibdil fl-istrutturi tal-Ministeru (MFCS)




**Tonio Bonello**
*Editur Media MFCS*

**M**atul dawn it-tliet xhur li waslu fi tmiemhom kien hemm tibdil sostanzjali f'diversi diviżjonijiet tal-Ministeru.

Dawn kienu l-aktar konċernati ma' karigi ta' Diretturi minħabba Diretturi li waslu sal-età tal-irtirar, però wkoll, f'ċerti każi fejn issa, xi taqsimiet ġew xolti u/jew inkorporati ma' oħrajn.

Fid-dawl ta' dan, is-Sa Rita Calleja inħatret Direttur Servizzi Korporattivi minflok is-Sa Violet Galea.

Is-Sur Raymond Muscat temm is-servizz tiegħu ta' Direttur Ġenerali fid-Diviżjoni *Compliance & Investigations.*

Is-Sur John Sant ukoll temm is-servizz tiegħu minn Direttur *Financial Governance & Planning,* liema ħidma issa ġiet inkorporata mas-Servizzi Korporattivi. Mill-15 ta' Jannar 2019 is-Sur Anton Cesare inbidlitlu n-nomenklatura minn Simplifikazzjoni tal-Burokrazija issa sar Direttur Operazzjonijiet.

B'effett mit-Tnejn 11 ta' Frar 2019 ġew assenjati mad-Direttorat Operazzjonijiet is-Sinjuri Raymond Dimech u Louis Xuereb.

Dan bl-għan li d-Direttorat inkwistjoni jkun jista' jlaħħaq ma' aktar taqsimiet li ġew inkorporati miegħu fosthom il-*One Stop Shop* u l-Avvenimenti u l-Komunikazzjoni fost oħrajn.

F'Marzu żdiedet is-Sa Ethel Delia li sa ftit ilu kienet tokkupa l-kariga ta' Uffiċjal Eżekuttiv fl-Uffiċċju Elettorali. Is-Sa Delia issa se tkun fil-kariga ta' *Assistant Manager*, *Records* fl-istess Direttorat Operazzjonijiet.

Fid-Direttorat tal-*Policy Development & Programme Implimentation* is-Sur George Sultana fil-pożizzjoni ta' Direttur irtira bl-età biex minflok, issa nħatar is-Sur Jonathan Silvio.

F'isem il-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali nieħu l-okkażjoni biex nirringrazzja lil dawk kollha li temmew is-servizz tagħhom waqt li nifraħ lil dawk kollha li ġew fdati b'karigi diversi u nawguralhom il-ħidma t-tajba.

# Mid-Djarju ta' Social Worker



**Vince Tonna**

*Social Worker*

Madwar sentejn ilu kont ktibt fil-pubblikazzjoni 'Veterani' li jien u sieħbi, Charlo Mifsud, li huwa wkoll Kunsillier f'Wied il-Għajn, waqqafna *Support Group* għall-Persuni b'Diżabilità u min jieħu ħsiebhom.

Xtaqt nieħu din l-opportunità issa permezz ta' din il-pubblikazzjoni 'Familja' biex inżommkom aġġornati dwar xi wħud mill-laqgħat li organizzajna aħna bil-għan li forsi jkun hemm min jieħu xi suġġeriment utli u jipprova jwettqu ma' xi grupp/i li qed imexxu.

Illum jien nieħu pjaċir ħafna nisma' dwar kemm qed ikunu organizzati gruppi, anke fid-Djar Residenzjali tal-Anzjani u f'Ċentri ta' Matul il-Jum madwar pajjiżna.



Tajjeb li nfakkarkom li l-għanijiet prinċipali ta' dan il-grupp li waqqafna, u li dawn ġew approvati mill-membri tagħna, jinkludu kif ġej:

Li ngħinu lill-persuni b'diżabilità (kemm dawk li għandhom diżabilità fiżika, intellettwali jew mentali) u min jieħu ħsiebhom biex ikollhom dawk il-ħiliet sabiex itejbu ħajjithom u jgħixu ħajja aktar dinjituża;

Li regolarment inżommu l-membri tagħna infurmati dwar x'qiegħed jiġri f'pajjiżna fil-qasam tad-diżabilità; u,

Li norganizzaw attivitajiet rikreattivi lill-membri tagħna.

Il-grupp tagħna jiltaqa' kull l-aħħar Tnejn ta' kull xahar fis-6.00pm fiċ-Ċentru LEAP ta' Wied il-Għajn. Fil-bidu tas-sena, l-ewwel laqgħa tkun tikkonsisti billi niddiskutu xi suġġetti li l-membri tagħna jkunu jixtiequ li niddiskutu kull xahar.

Fil-fatt, fil-laqgħat tagħna m'għadniex nistiednu esperti u dawn jitkellmu kważi waħidhom fuq xi suġġett tad-diżabilità! Meta nistiednu l-esperti, huma jiġu sabiex jieħdu sehem attiv magħna fid-diskussjoni.

Irridu qabel xejn nisimgħu lill-membri tagħna minn xiex għaddejjin huma f'ħajjithom meta nkunu qed nittrattaw is-suġġett magħżul.


Minn paġna 16 > **Vince Tonna**

Nagħtuhom l-opportunità li jsemmgħu leħinhom. Fost is-suġġetti diskussi s-sena l-oħra kien hemm:

X'inhuma dawk il-problemi li jiffaċċjaw persuni li qed jieħdu ħsieb xi persuna b'diżabilità, u l-konflitti li jistgħu jinqalgħu bejn il-*carer* u dik il-persuna b'diżabilità;

Ansjetà: X'għandek tagħmel u kif għandek taġixxi meta tkun anzjuż. Mod kif anke nimmaniġġjaw l-istress.

Kif aħna nistgħu nnaqqsu r-riskji tal-waqgħat fid-djar tagħna u meta mmorru għal xi passiġġata.

Iddiskutejna wkoll wħud mis-servizzi mogħtija mill-Istat u minn xi Għaqda mhux Governattiva li jgħinu l-persuni b'diżabilità.

Inħeġġiġkom sabiex f'kull lokalità li għandna naħdmu biex inwaqqfu Grupp ta' Sapport, mhux biss għall-persuni b'diżabilità, iżda wkoll għal min jieħu ħsiebhom.

# Ħatriet ġodda fid-Direttorat Operations MFCS



**Is-Sur Raymond Dimech** għandu karriera ta' 40 sena. Hu ħadem fi professjonijiet ta' kura fosthom (infermier, għalliem, ħaddiem soċjali għat-tfal u l-familja, servizzi tal-impiegi, servizzi tas-saħħa mentali fil-komunità, drittijiet tat-tfal u servizzi għall-anzjani).

Kien koordinatur għat-Trasport u l-Kompetittività fid-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja. Aktar tard inħatar Kap tad-Delegazzjoni għall-Kunsill tal-EU għas-Sistema Informattiva tax-Schengen. Aktar reċenti ta s-servizzi tiegħu bħala riċerkatur fuq proġetti tal-OPM.

Is-Sur Dimech huwa gradwat fil-ħidma soċjali u fil-mużika bi kwalifiċi post-gradwat fit-tagħlim u l-*management* tal-ħidma soċjali, il-medjazzjoni, u Masters fit-Taħriġ u l-*Performance Management*. Is-Sur Raymond Dimech huwa miżżewweġ u għandu tifla.

**Is-Sur Louis Xuereb** beda l-karriera tiegħu fis-servizz pubbliku 32 sena ilu. Huwa ħadem f'diversi Ministeri matul dan iż-żmien, fejn kellu responsabiltajiet varji. Is-Sur Xuereb se jkun qed jaħdem fit-Taqsima tar-Riċerka ġewwa d-Direttorat tal-Operat fil-MFCS.

Hu gradwat, kemm mill-Università ta' Malta, kif ukoll mill-*London School of Economics and Political Studies (LSE)*. Għallem fl-Università ta' Malta għal diversi snin u preżentement hu lettur fl-Istitut tas-Servizzi Pubbliċi (IPS).

Is-Sur Louis Xuereb hu miżżewweġ lil Melanie u għandhom żewġt itfal: Jordi ta' 13-il sena u Kaye ta' 11-il sena.



# Awtorità sensittiva għall-bżonnijiet tan-nies

**Leonid McKay**
*Kap Eżekuttiv*
*L-Awtorità tad-Djar*



*Intervistat minn Tonio Bonello, Editur Media MFCS*

**L**-Awtorità tad-Djar hi entità oħra importanti u fundamentali fi ħdan il-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali li qed tħares lejn sfidi ġodda li toffri l-ħajja u s-soċjetà llum.

Din l-entità qed taħdem biex taġġorna ruħha permezz ta' miżuri u forom ġodda ta' sostenn bil-għan li tkompli tkun aktar relevanti ma' persuni u familji vulnerabbli residenti f'dawn il-gżejjer illum.

Madwar sitt xhur ilu l-Awtorità tad-Djar esperjenzat ukoll bidla fil-persuna li tmexxiha.

L-esperjenza umana li jkun trawwem fiha persuna f'ambjent fejn ir-ruħ soċjali tiegħu l-ewwel, hawnhekk fejn forsi, il-miżuri li jkunu maħsuba li għandhom jittieħdu fiż-żmien li ġej, ikunu aktar tanġibbli u sensittivi biex iħarsu lil dawk f'xifer ta' kriżi.

L-intervista llum qed twassalna fil-binja tal-Awtorità tad-Djar fil-Floriana fejn iltqajt mas-Sur Leonid McKay, il-Kap Eżekuttiv il-ġdid tal-Awtorità. Nittama li dawn il-kelmtejn li qsamna bejnietna jservu ta' nifs ġdid, serħan il-moħħ f'persuni, individwi, familji li sal-lum ma kellhomx dan...



***Int ġej minn ambjent ta' entità mhux governattiva. X'tara diverġenti bejn it-tnejn u x'tara komuni fit-tnejn?***

Jien nara li dawk it-12-il sena li għamilt ma' Caritas Malta – li mhux biss hija NGO iżda entità importanti fi ħdan il-Knisja li f'Malta tant għamlet u għadha tagħmel ġid, u fil-fatt kienet hi pijuniera f'ħafna servizzi soċjali – lili personalment tatni aktar għodda, aktar sensittività lejn ir-realtajiet soċjali f'pajjiżna.

F'dan is-sens allura nħoss li hu kumplimentari ħafna r-rwol tiegħi fi ħdan Caritas Malta mar-rwol tiegħi llum fi ħdan l-Awtorità tad-Djar. Nara fihom kontinwazzjoni. It-tnejn jaħdmu fil-kamp soċjali ma' dawk l-aktar nies vulnerabbli madwarna.

Li hemm differenti hu li filwaqt li f'Caritas Malta kelli l-irwol li ninfluwenza l-politika soċjali, illum għandi l-irwol li mhux biss ninfluwenzaha, iżda issa ukoll li nimplimentaha.

Jekk qabel kelli rwol, eżempju li nitkellem biex il-paga minima statutorja tkun tirrifletti aktar il-bżonnijiet tan-nies, stajt nieqaf sa hemm bil-kontribut ta' rapport jew studju. Illum irrid nara li l-Awtorità tad-Djar mhux biss titkellem iżda tieħu azzjoni b'risq dawk l-aktar nies żvantaġġati fis-soċjetà.

Il-pożizzjoni tiegħi llum però wkoll twassalni nifhem kemm dawk l-ilħna, kemm tal-Caritas u entitajiet oħra simili huma vitali għat-twettiq ta' politika ġusta.

Ikompli >

AWTORITÀ TAD-DJAR • HOUSING AUTHORITY

# Politika soċjali li tindirizza l-isfidi tal-ġurnata



*"Għax mhux biss iż-żminijiet u l-persuni li nbiddlu, iżda anke l-ħtiġijiet."*

Minn paġna 18 > **Leonid McKay**

Nista' nifhem aktar illum għaliex min qed jimplimenta l-politika soċjali jinħtieġ dawn il-vuċijiet jippreżentaw tali faxxi fis-soċjetà. Nemmen li ħadd daqs dawn l-entitajiet ma jista' jkun f'kuntatt daqshekk dirett ma' dawn il-persuni fil-bżonn li jagħmlu parti minn l-istess poplu, mill-istess soċjetà.

***Fi żmien relattivament qasir li ilek fl-inkarigu tal-Awtorità tad-Djar, x'tara li huma dawk l-aktar prijoritajiet li jinħtieġ tindirizza?***

L-Awtorità, kif diġà esprimejt, l-ewwel u qabel kollox trid tkun sensittiva għall-ħtiġijiet tan-nies, mhux f'kuntest ta' massa, iżda ta' persuni individwali. Kultant tisma' min jitkellem dwar persuni li jħabbtu l-bibien tagħna daqs li kieku xi persuni li b'għażla jippreferu jibqgħu fis-sitwazzjoni li jinsabu.

Li tkun sensittiv ifisser li jista' hemm persuni li esperjenzaw ċirkostanzi f'ħajjithom li wassluhom biex illum qed iħabbtu fuq il-bieb tagħna.

Jekk aħna nkunu sensittivi għal dawn, effettivament ikun ifisser li qed inkunu aktar relevanti.

Il-*budget* li għadda u l-miżuri li tħabbru nara fihom xhieda ta' dan kollu. *Budget* li hu konxju mill-bżonnijiet tan-nies u li allura qed ikun relevanti billi jipprovdi għodod konformi mal-istess bżonnijiet u realtajiet tal-lum.

Il-qasam tad-djar, bħal kull fattur ieħor fil-kamp soċjali, jinsab għaddej minn bidliet kbar u l-impenn tagħna f'dan id-dawl, huwa li ma nsolvux l-isfidi tal-lum bl-għodda tal-bieraħ, iżda b'għodda li verament tagħmel differenza fil-ħajja ta' dawn il-familji llum.

Fi ftit kliem, politika soċjali li tindirizza l-isfidi tal-ġurnata għax, mhux biss iż-żminijiet u l-persuni li nbiddlu, iżda anke l-ħtiġijiet.

Bi pjaċir nistqarr li l-mod olistiku li bih qiegħdin inħarsu lejn l-akkomodazzjoni, hu proprju indikatur li l-Awtorità tad-Djar qed taħdem biex tasal għal dan il-għan.

**Ikompli >**

# Housing affordabbli



Minn paġna 19 > **Leonid McKay**

Fost dawn insemmi l-kirjiet. Kif imsemmi fl-aħħar *budget*, illum għandek Awtorità li qed testendi ruħha biex anke tkun regolatur tas-suq privat fi sforz biex proprju twieġeb għal bżonnijiet tal-lum.

Din mhix xi bidla kosmetika, iżda li testendi f'direzzjoni ta' prinċipji li mhux neċessarjament kienu dejjem assoċjati mal-istess Awtorità.

Sal-lum l-Awtorità tad-Djar qatt ma kienet regolatur tas-suq privat, però llum qed tara dan il-bżonn u qed twieġeb għalih.

Hemm skemi oħra importanti, eżempju li persuna jew familja tkun sid tad-darha fejn l-Awtorità qed tħares, mhux biss lejn dawk li verament jinsabu fil-faxxa t'isfel, imma wkoll dawk li għal xi raġuni jew oħra qed isibu diffikultà biex isiru sidien ta' djarhom.

F'dan il-kuntest qed ninvestu biex dawk bi dħul baxx li qabel, tradizzjonalment ma setgħux jagħmlu dan il-pass f'ħajjithom, illum se jkunu jistgħu jagħżlu li huma wkoll ikunu jistgħu jsiru sidien ta' darhom.

Hemm ukoll ideat oħra ta' servizzi li l-Awtorità tad-Djar qed tesplora. *Equity Sharing* per eżempju se jkun qed jindirizza, kemm persuni li setgħu għaddew minn każ ta' separazzjoni, però anke ta' oħrajn li forsi għandhom ċertu assi li ma jagħmluhomx eliġibbli għal għajnuniet oħra li toffri l-Awtorità.

Persuni oħra li, iva, minkejja li għandhom ammont ta' assi, xorta waħda qegħdin jsibu diffikultà jaċċessaw *loan* biex isiru sidien ta' darhom, primarjament minħabba l-età tagħhom.

Permezz ta' din l-iskema aħna se nkunu qed noffru li nixtru parti jew nofs is-self meħtieġ ta' dik il-persuna jew familja rispettivament.

L-Awtorità, għall-ewwel darba, qiegħda titkellem ukoll dwar *housing* affordabbli, primarjament, għal dawk il-persuni li s-suq preżenti m'huwiex joffrilhom għażla.

Dan għaliex ma jkunux eliġibbli għal akkomodazzjoni soċjali, jsibuha diffiċli jsiru sidien ta' darhom u m'humiex jaffordjaw il-kirjiet privati. Għalhekk, l-għan ta' *housing* affordabbli huwa li jindirizza dak il-vojt li hemm bħalissa fis-suq.

Dan kien ukoll il-ħsieb wara l-benefiċċju tal-kera li ħabbarna f'Jannar. Benefiċċju li għall-ewwel darba qiegħed jagħmel relazzjoni bejn id-dħul tal-persuna u n-nefqa tagħha fuq il-kirja.

Bil-mekkaniżmu li bih qiegħed jiġi kkalkulat il-benefiċċju jassigura li l-persuna jibqalha biżżejjed flus fil-but għal affarijiet bażiċi oħra.



It-Tieni Parti ta' din l-intervistà fil-ħarġa li jmiss.

# Ilkoll nagħmlu sehem minn poplu wieħed



**George Zammit**

*Gwida u Missier ta' Familja*

Wara xitwa moderata Maltija, ftit ftit se nibdew noqorbu lejn dawk il-jiem twal sħan tas-sajf. It-temp sabiħ fil-gżira tagħna huwa influwenzat ħafna mill-klima Mediterranja fejn it-temperaturi sħan ta' spiss ikunu akkumpanjati minn żiffa friska u moderata tal-baħar.

Ir-Rebbiegħa hija ż-żmien ideali għas-safar u l-vaganzi f'pajjiżi barra min Malta fejn wieħed jkun jista' jevita ftit din is-sħana qalila tas-sajf fil-gżejjer tagħna.

Il-gżejjer Maltin huma magħrufa li joffru l -aqwa kundizzjonijiet ta' temp eċċezzjonali li jpoġġu lil Malta bħala destinazzjoni ideali għal ħafna turisti barranin li jippakkjaw il-bagalji tagħhom u jistennew bil-ħerqa vjaġġ lejn pajjiżna.

Dan primarjament ħalli jgawdu x-xemx sħuna tagħna, il-baħar sabiħ madwar il-kosta Maltija u mhux b'inqas il-belt kapitali Valletta li hi marbuta mill-qrib mal-istorja tal-Kavallieri f'Malta.

Hawn min isiefer għal skopijiet differenti. Min, fuq xogħol, min jitla' għal kura medika, min b'ħidma volontarja f'xi art tal -missjoni u min imur jistudja f'xi università b'ambizzjoni ta' karriera aħjar fil-futur.

Ninsabu fil-ftuħ tal-istaġun tas-safar. B'hekk ħafna Maltin u Għawdxin qegħdin jippjanaw u jippreparaw vaganza qasira jew twila f'destinazzjoni barra min xtutna.

Hi x'inhi l-missjoni għal dawk li ser isiefru għall-ewwel darba, kull ħaġa ser tkun ġdida.

L-ebda veduta panoramika ma taħrablek minn taħt għajnejk; xmajjar, muntanji, widien, għelieqi bla tarf, toroq twal u bliet sbieħ.

Kull vjaġġatur irid dejjem jiskopri l-ġdid u s-sabiħ. Irid dejjem ifittex li jkun sodisfatt b'xi ikla tradizzjonali. Billi jżur xi ċentri turistiċi ta' importanza mimlija kultura, teatri, monumenti, knejjes imżejna fl-arkitettura u fl-arti magħrufa mill-UNESCO bħala wirt dinji storiku.

Fil-kultura moderna nsibu familji sħaħ jistinkaw, jaħdmu, ifaddlu matul is-sena ħalli mbagħad jesperjenzaw vaganzi sbieħ f'destinazzjonijiet ġodda.

L-iskopijiet prinċipali huma biex: jistrieħu ftit u jaqtgħu mir-rutina li toffri l-kumplament tas-sena; jitpaxxew b'dak il-ġmiel li f'pajjiżna fil-ġeneru partikolari tiegħu ma nsibuhxu u forsi jgħixu għal ftit jiem f'lukandi storiċi li għandhom faċċati ta' palazzi li jirriflettu l-karattru storiku ta' dak il-pajjiż.

Fl-aħħar u mhux l-inqas, li jiddevertu f'ħajja u ambjenti ma' nies ta' kulturi differenti.

Is-safar u l-vaganzi joffru wkoll ċertu element ta' tagħlim dwar il-ħajja soċjali u edukattiva. Għalhekk hu importanti li nifhmu, li kull min isiefer għandu r-responsabbiltà li ma jtebbgħax isem jew ġieħ pajjiżna.

**Ikompli >**

*"Id-divertiment waqt is-safar jistà jieħu ħafna forom differenti."*

Minn paġna 21 > **George Zammit**



Iċ-ċittadini ta' dak in-nazzjon li nkunu qed inżuru, jiġġudikaw il-karattru Malti fuq dak li jesperjenzaw mill-imġieba tagħna stess matul tali ġiti.

Hi sfortuna għalhekk, kull darba li ma nqisux il-ġieħ u r-rispett ta' artna jew li mmaqdru lill-pajjiżna meta nkunu qegħdin f'pajjiżi oħra.

Minn pajjiżi differenti waqt il-btajjel tagħna, nistgħu nitgħallmu ħafna affarijiet tradizzjonalment tajba, imma nistgħu niltaqgħu mal-ħażin ukoll.

Għalhekk importanti li mid-destinazzjoni li nkunu għażilna għal vaganza tagħna, inġibu lura magħna dak biss li jkun ta' ġid għall-poplu Malti u l-familji tagħna stess.

Waqt vaganza niltaqgħu ma' ħwejjeġ affaxxinanti li jolqtu l-għajn bi ġmielhom.

Ta' min isemmi dik il-ħeġġa tremenda li jkollhom iċ-ċittadini lokali biex ikomplu jżejnu u jgħollu l-ġieħ tal-belt jew raħal fejn jgħixu huma.

Insemmu l-imġieba tajba tagħhom lejn kull turist f'kas ta' diffikultà. Is-serjetà tal-ħaddiema fuq il-postijiet turistiċi.

L-għożża lejn il-monumenti u attrazzjonijiet storiċi tagħhom. L-indafa tal-ġonna, toroq u pjazez kull fejn tmur. Imġieba tajba fis-sewqan fit-toroq, fost oħrajn.

F'pajjiżna wkoll għamilna passi kbar ta' progress lejn it-turiżmu, però rridu nkomplu naħdmu biex kemm jista' jkun ma nħammġux u ma nitfgħu xejn mal-art, la karti, la sigaretti u xejn li jkerrah l-ambjenti lokali.

Irridu nkabbru dik il-fehma li kull wieħed u waħda minna jagħmel sehem minn poplu wieħed.

X'hemm f'pajjiżi oħra li bħala Maltin ma nistgħux nagħmlu?

Verament poplu żgħir, nazzjon ċkejken, imma familja waħda qalbiena li sa minn dejjem konna magħqudin biex ikollna dak il-patrijottiżmu li f'ħafna sekli qanqal lil missirijietna f'kull sitwazzjoni lejn il-ġustizzja u l-ġid komuni fis-soċjetà.

Kull min jirraġuna b'dan il-mod ikun patrijott Malti onest, ċittadin ċivili li jagħmel ġid enormi lejn pajjiżu f'għajnejn il-barranin.

L-għan tas-safar għandu jkun dejjem l-istess, jiġifieri: divertiment, mistrieħ u tagħlim dwar il-kultura tal-pajjiż.

Suġġeriment tajjeb hu li qabel xi safra nfittxu li naqraw dwar dik id-destinazzjoni magħżula ħalli nitilqu b'serħan il-moħħ lejn dak li ser niltaqgħu miegħu waqt il-vjaġġ.

Noqgħodu attenti għax id-divertiment waqt is-safar u l-btajjel tagħna jistgħu jieħdu ħafna forom differenti, kemm għall-familji tagħna u anke għal sħabna.

Nippjanaw sewwa u bil-għaqal. Napprezzaw u ngawdu xi mixja sabiħa fil-kampanja b'arja pura. Inħallu ħin ta' mistrieħ.

Infittxu xi film pjaċevoli fiċ-ċinema, xi spettaklu mużikali f'xi teatru, mawra f'xi mużew, u ma nħallux barra quddiesa f'xi katidral.

Il-vaganzi jgħaddu u kulħadd jerġa' lura lejn pajjiżu. Ir-riżultati finali mhux għal kulħadd ser ikunu l-istess. Dejjem jiddependi mill-preparazzjoni u l-imġieba tagħna, wieħed wieħed u waħda waħda, rispettivament.

Però ta' min ifaħħar lil dawk li jiġu lura u jirnexxilhom ixerrdu għall-ġid tal-poplu Malti dak it-tagħlim tajjeb u pożittiv li jkunu ġabu magħhom mill-vaganza tagħhom x'imkien madwar id-dinja.

**TMIEM**

# Malta fuq quddiem fis-saħħa tat-tfal

## 99% tat-tfal Maltin taħt il-ħames snin jgħixu f'kundizzjoni ta' saħħa tajba



Il-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali jilqa' b'sodisfazzjon l-aħħar statistika tal-Eurostat li tat ħarsa lejn il-livell u l-kundizzjonijiet tas-saħħa fost it-tfal.

F'din l-istatistika, Malta klassifikat mal-aqwa pajjiżi tal-Unjoni Ewropeja fejn tidħol il-kundizzjoni tas-saħħa fost it-tfal. Fil-fatt, din l-istatistika tal-Eurostat tikkonferma li aktar minn 99% ta' tfal Maltin li għandhom inqas minn ħames snin jgħixu f'kundizzjoni ta' saħħa tajba.

Din l-istatistika nħadmet fuq is-sena 2017 u saret fl-istati membri Ewropej kollha. Jirriżulta li Malta, flimkien mal-Italja, il-Bulgarija u r-Rumanija, kisbu l-aqwa riżultati, filwaqt li l-Estonja kellha l-inqas rata ta' saħħa fost it-tfal ta' taħt il-ħames snin, b'92.4%.

Malta tgawdi ukoll l-ogħla livelli ta' saħħa fost it-tfal kollha ta' taħt is-sittax-il sena, b'persentaġġ li jlaħħaq it-98%, li huwa 2% aħjar mill-medja tal-pajjiżi Ewropej. B'hekk, Malta qabżet il-medja Ewropea, f'kull grupp ta' etajiet fost it-tfal.

Din l-istatistika titfa' dawl ukoll fuq dawk it-tfal b'limitazzjoni ta' attività fiżika, minħabba raġunijiet ta' problemi fis-saħħa.

Hawn ukoll, il-maġġoranza assoluta tat-tfal Maltin (97.5%) m'għandhom l-ebda minn dawn il-problemi, b'kuntrast ma' pajjiżi oħra bħall-Ġermanja, ir-Renju Unit u l-Latvja fost oħrajn.

Il-medja ta' tfal li juru limitazzjonijiet fl-attivitajiet tagħhom hu ftit inqas minn 5% fl-Unjoni Ewropeja, filwaqt li f'Malta dan jinsab f'livell ta' inqas minn 1% (0.7%).

Il-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali jirrikonoxxi s-sehem ta' dawk kollha involuti, speċjalment l-awtoritajiet tas-saħħa, l-aġenziji kollha soċjali li jaħdmu mat-tfal u anki l-istituzzjonijiet edukattivi kollha.

Il-Ministeru se jibqa' kommess li jħares id-drittijiet tat-tfal permezz ta' bidliet kostanti biex jilqa' għall-isfidi ġodda tal-ġurnata.

Dan il-Ministeru fil-fatt jinsab viċin ħafna li jdaħħal fis-seħħ il-Liġi tal-Protezzjoni tat-Tfal, hekk kif din tinsab għat-tieni qari fil-Parlament. Din il-liġi se tkun qed tara li kull deċiżjoni meħuda tittieħed fl-aqwa interess tat-tfal.

Il-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali se jibqa' jagħmel l-almu kollu tiegħu biex kull tifel u tifla jgħixu f'ambjent sigur, f'ambjent diċenti, u 'l bogħod mir-riskju ta' faqar.



# Ħelu Manna : Dak kollu li hu Malti

## Id-Deheb Abjad



**Doris Zammit**

*Xandara Veterana*

Dari l-melħ kien prezzjuż ħafna tant li kien magħruf bħala d-deheb abjad. Il-melħ kien diffiċli ħafna biex wieħed isibu għalhekk kien prodott li wieħed ried iħallas sew biex jakkwistah.

Sas-seklu 20 fost il-prodotti li minnhom kienet tiddependi l-ekonomija dinjija kien hemm ukoll il-melħ. Illum il-melħ huwa aċċessibbli mad-dinja kollha u huwa relattivament irħis.

Bla dubju l-aktar impressjonanti huma s-salini fix-Xwejni fil-gżira Għawdxija, fejn wieħed jista' jammira munzelli kbar bojod ta' melħ jiddu fix-xemx fi sfond ta' sema ikħal, u baħar blu, minfejn għal aktar minn 400 sena stajna niġbru l-melħ.



Kuljum 'l fuq minn ħames miljun ruħ jużaw il-melħ b'xi mod jew ieħor. Il-produzzjoni tal-melħ żdiedet kull sena minn 10 miljun tunnellata għal 200 tunnellata. Infatti l-melħ huwa prodott imfittex ħafna għax jagħti palat tajjeb lill-ikel.

Iżda nistħajjilkom tistaqsu, il-melħ kif jasal fuq l-imwejjed tagħna?

Il-melħ li jittiekel mill-bniedem jiġi minn żewġ sorsi differenti, mill-baħar u mill-minjieri.

Illum se nlaqqagħkom mal-familja Cini li bi tbatija kbira qed iżommu ħaj din is-sengħa li għadha teżisti f'Għawdex grazzi għalihom.

"*Nagħmlu mill-aħjar li nistgħu biex nippriservaw dak li għandna. Dan huwa l-wirt tagħna u jien inħoss li aħna għandna nieħdu ħsiebu u nippriservawh kif ukoll nikkultivawh,*" qaltli Josephine bint Leli u Rose Cini.

Dan ix-xogħol jew aħjar arti jiġbed mijiet jekk mhux eluf ta' turisti li jieħdu pjaċir imissu b'idejhom xogħol li f'pajjiżhom miet mewta naturali, jew inkella li qatt ma kellhom ix-xorti jiltaqgħu miegħu, jekk mhux għax segwewh f'xi dokumentarju fuq xi stazzjon televiżiv.

U flimkien ma' Leli Cini 'ix-Xwejni' u l-familja tiegħu, se naraw kif il-melħ ilu jinġabar għal bosta snin mis-salini li llum huma siti storiċi għax imorru lura eluf ta' snin.

Intant l-isem ta' salini ġej mit-Taljan *sale* li jfisser melħ. Is-salini jeżistu f'bosta imkejjen fuq ix-xtajtiet baxxi ta' Malta u Għawdex.

Kontu tafu li l-Mellieħa nsejħulha hekk minħabba s-salini tal-melħ li kellha sa mill-qedem?

Ix-xogħol tal-ħaddiem tal-melħ bħal dak tal-furnar u l-bidwi, huwa wkoll xogħol ta' tbatija kbira għalih u għall-familja kollha tiegħu.

**Ikompli >**

Minn paġna 24 > Doris Zammit




Josephine tkompli tgħidli: *“Inbexxu s-salini..imma jridu jgħaddu l-granet u bil-mod il-mod nibdew naraw il-wiċċ tas-salini jiddi bil-melħ.”*

Sa minn kmieni fis-sena għall-ħabta ta’ Marzu meta t-temp ma jkunx daqstant tajjeb, iżda meta l-ġurnata tibda titwal, ħaddiem il-melħ jibda jieħu ħsieb il-manutenzjoni tas-salini jew kif isejħilhom Leli, l-għadajjar tal-melħ. Aktar ma tipprepara kmieni tant l-aħjar.

Il-ġbir tal-melħ f’Malta u f’Għawdex isir fix-xhur tas-sajf bejn Ġunju u Awwissu. Il-produzzjoni tal-melħ issir permezz tal-elementi naturali bħax-xemx, it-temp u l-evaporazzjoni tal-ilma baħar.

Il-melħ tax-Xwejni f’Għawdex ilu jinġabar b’mod tradizzjonali għal mijiet ta’ snin.

Matul ix-xhur sajfin, jibdew jiffurmaw kristalli hekk kif l-ilma baħar jimla l-banjijiet. L-ilma jitħalla biex jevapora, fejn iħalli saff oħxon ta’ melħ li jitħalla jinxef xi tlett ijiem oħra qabel ma jibda jinġabar.

Hekk kif jinxef u t-temp ikun tajjeb mingħajr riħ, ikun wasal iż-żmien biex jinġabar il-melħ.

Lil Leli arah ibakkar filgħodu kmieni meta jkun għadu dlam ċappa u jerħilha flimkien mal-familja tiegħu għas-salini. Il-melħ jinġabar munzelli munzelli u jitgħatta. Wara jinġabar fi xkejjer u jittella’ fil-garaxx lest biex jiġi ppakkjat.

Bla dubju rarissimu li xi ħadd imur Marsalforn u ma jasalx sal-Qbajjar u x-Xwejni fejn hemm is-salini.

It-Tieni Parti ta’ din l-intervistà fil-ħarġa li jmiss.

# Il-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali

## Direttorat ġdid f'Għawdex





**Fabienne Grech**

*Leader FSWS Għawdex*

Il-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali waqqfet direttorat ġdid f'Għawdex speċifikament biex testendi l-assistenza u l-appoġġ tagħha lil persuni vulnerabbli b'mod aktar uniformi u sħiħ.

Il-Fondazzjoni twettaq din il-missjoni fuq bażi nazzjonali f'Malta u d-direttorat ta' Għawdex qiegħed hemm biex proprju jara li din il-missjoni tiġi estiża u mwettqa wkoll f'Għawdex mingħajr nuqqas fil-kwalità tas-servizz, li kultant tinħoloq intortament minħabba d-distanza u n-nuqqas ta' aċċessibilità.

Għalhekk, il-Fergħa ta' Għawdex tiġbor fi ħdanha diversi servizzi b'risq dawk kollha li jgħixu fuq il-gżira.

Fis-servizz tal-LEAP, li issa ilu f'Għawdex sa mill-2014, il-ħaddiema tal-LEAP jirreferu lill-klijenti għal servizzi professjonali, bħal, ħaddiema soċjali, terapisti tal-familja, *counsellors* u *job advisors,* li jkunu jeħtieġu.

Dawn huma l-ewwel punt ta' referenza għal persuni li ma jkunux jafu minn fejn se jakkwistaw l-għajnuna li jkollhom bżonn jew saħansitra ma jkunux jafu anqas x'tip ta' għajnuna għandhom bżonn għal sitwazzjonijiet li jsibu ruħhom fihom.

Servizz ieħor partikolari ħafna huwa l-*Home-Based Therapeutic Services.* Hawnhekk insibu terapista tal-familja u *counsellor* li joffru appoġġ terapewtiku lill-klijenti fid-dar tagħhom stess.

Permezz tal-Fergħa ta' Għawdex tal-FSWS, it-terapista u l-*counsellor* m'għandhomx aktar il-ħtieġa li jiġu minn Malta biex jaraw lill-klijenti, iżda issa huma bbażati f'Għawdex u jistgħu jżuru l-klijenti fid-djar kuljum.

Il-Fergħa ta' Għawdex tal-FSWS tħaddan ukoll fiha s-servizz tal-Appoġġ. Dan jinkludi s-servizz ġeneriku b'servizz ta' ħaddiema soċjali, servizzi marbuta mal-*fostering* għal min ikollu l-kura tat-tfal *fostered* u servizzi tal-*Looked After Children* fejn jingħata appoġġ lit-tfal li ma jkunux jgħixu mal-familja naturali tagħhom.

Ma' dawn hemm is-servizz tal-*HomeStart* li joffri għajnuna lill-familji li jkollhom bżonn sapport fil-qasam tat-trobbija tat-tfal, kif ukoll *Supervised Access Visits* (SAVs) sabiex tfal li jgħixu f'*foster care* jew *residential care* ikollhom iċ-ċans jiltaqgħu mal-ġenituri jew familjari tagħhom taħt superviżjoni li tissalvagwardja l-ħarsien u l-protezzjoni tat-tfal infushom.

Jingħata wkoll servizz ta' ħaddiema soċjali fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex fejn jiġu segwiti pazjenti bi problemi soċjali, kif ukoll jingħata servizz lir-residenti fis-swali tal-Ġerjatrija.

Indirizzat għat-tfal ukoll hemm is-servizz ta' Sedqa li hija responsabbli għalih ukoll il-Fergħa ta' Għawdex tal-FSWS.

**Ikompli >**

Minn paġna 26 > Fabienne Grech



*"Is-servizz jikkonsisti fil-programm preventiv TFAL 3 fl-iskejjel primarji lit-tfal tat-tielet sena u beda mill-ġdid f'Jannar 2019."*

L-edukazzjoni hija pilastru importanti fil-ġlieda kontra l-problemi soċjali u għalhekk, il-Fergħa ta' Għawdex taħdem id f'id ma' istituzzjonijiet edukattivi biex il-messaġġ ikompli jasal b'mod sħiħ għand it-tfal u l-familji tagħhom.

Għal dan il-għan il-Fergħa tagħmel użu wkoll miċ-Ċentru għall-Edukazzjoni, Xjenza u Kultura li jinsab f'Wied il-Lunzjata minn fejn jitmexxew għadd ta' sessjonijiet edukattivi bil-għan li jippromovu r-responsabiltà, l-apprezzament u l-istima fost l-istudenti f'Għawdex.

It-temi magħżulin huma f'sintonija mal-viżjoni tal-LEAP li tikkumbatti u tipprevjeni l-faqar b'miżuri li jittieħdu fi ħdan il-komunità. Minn dan iċ-Ċentru wkoll qed isir studju riċerkat dwar il-*Homelessness* f'Għawdex.

Fuq linja oħra, il-Fergħa ta' Għawdex qed tikkoordina programm ma' 15-il persuna Għawdxija li qed tiskonta piena ta' ħabs u l-familji rispettivi tagħhom.

Inizjattiva importanti u bżonnjuża li ħadet il-Fergħa ta' Għawdex hija s-servizz ta' emerġenza lill-pubbliku fil-ħinijiet ta' wara l-uffiċċju, tmiem il-ġimgħa u fil-btajjel pubbliċi.

Dan huwa servizz li permezz tiegħu ħaddiema soċjali, *mentors* u ħaddiema oħrajn fis-settur jibqgħu joffru s-servizz ta' *on-call* wara l-ħinijiet regolari tax-xogħol tagħhom.

Kull min ikollu bżonn l-għajnuna jkun jista' jċempel fuq in-numru tal-mobile 9955 7069 mingħajr il-preokkupazzjoni ta' ħinijiet u ġranet.

Din il-ħidma tal-Fergħa ta' Għawdex hija waħda dinamika, li tinbidel u taddatta ruħha biex takkomoda ċ-ċirkustanzi u r-realtajiet soċjali preżenti f'Għawdex.

L-istruttura hija waħda simili għal dik f'Malta, anki għal skopijiet funzjonali u ta' uniformità, iżda fl-operat tagħha, il-Fergħa ta' Għawdex dejjem iżżomm fiċ-ċentru tal-attenzjoni tagħha r-realtajiet u l-isfidi li jkunu jħabbtu wiċċhom magħhom il-klijenti.

Sfidi ta' persuni Għawdxin li forsi m'għandhomx aċċessibilità jew faċilità ta' mobbilità lejn Malta. Sfidi ta' persuni Maltin li minħabba ċirkostanzi varji, kellhom ifittxu kenn f'Għawdex, f'terren fejn mhumiex familjari.

Sfidi ta' persuni barranin li jsibuha diffiċli biex jaċċessaw servizzi minħabba problemi ta' komunikazzjoni jew nuqqas ta' għarfien.

Dan għalhekk ipoġġi lill-Fergħa ta' Għawdex qrib ta' diversi dipartimenti oħra tal-Istat li magħhom għandha relazzjonijiet tajbin ħafna.

Fost dawn, il-Ministeru għal Għawdex bid-dipartimenti varji fi ħdanu, is-Segretarjat Parlamentari għall-Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva, u l-Ministeru tal-Edukazzjoni, kemm permezz tal-ħaddiema soċjali fil-Kulleġġ ta' Għawdex u anke permezz tal-Jobsplus.

B'sodisfazzjon inħarsu 'l quddiem, issa li s-servizzi ġew estiżi għal Għawdex, bil-mira ewlenija tkun dik li titjieb l-istruttura soċjali fil-gżira Għawdxija.

# Uff!... Fallejt!



**Sarah Borg**

*Uffiċjal fi ħdan l-Uffiċju tas-Segretarju Permanenti*

Kemm nobgħod nieħu żball! Il-ħsieb li b'xi mod fallejt, jikolni minn ġewwa, jimbarazzani, anke jekk ħadd ma jgħajjat miegħi jew jiġbidli l-attenzjoni dwaru. Trabbejna f'kultura li għallmitna li jkun gwaj kbir jekk nieħdu żball jew li nesperjenzaw falliment.

Ta' min jiftakar li hemm ħafna invenzjonijiet jew xogħlijiet kbar li oriġinaw bis-saħħa ta' fallimenti jew ta' attentati li fil-bidu ma ġewx rikonoxxuti, bħal dawn li ġejjin:

**Il-*Bubble Wrap*** – Fl-1960, Chavannes u Fielding riedu joħolqu *wallpaper* innovattiv u spiċċaw ħolqu dak li llum nafuh bħala *bubble wrap*. Dawn it-tnejn kienu fallew fl-attentat tagħhom li joħolqu *wallpaper* innovattiv, kif xtaqu. Imma meta eventwalment dan intuża biex ikun ippakkjat kompjuter ġdid, indunaw li fil-fatt il-*bubble wrap* hija effettiva immens biex tipproteġi l-oġġetti.

**Il-bozza tad-dawl** – Thomas Edison, magħruf għall-invenzjoni tiegħu tal-bozza, ma ġabhiex żewġ qabel elf attentat fallut. Meta staqsewh kif ħassu li kien għamel elf falliment qabel irnexxielu jagħti ħajja lill-bozza kif nafuha llum, sempliċiment weġibhom li fil-fatt ma kienx falla elf darba, imma li l-invenzjoni tiegħu seħħet permezz ta' elf pass 'il quddiem, dejjem eqreb lejn l-invenzjoni nfisha.

***Harry Potter and the Philosopher's Stone*** – Il-ktieb famuż mill-awtriċi J.K Rowling li kiseb suċċess kbir, ma kienx isir realtà kieku l-awtriċi qatgħet qalbha wara l-ewwel attentati biex tippubblikah.

Fil-fatt, qabel ma dan il-ktieb kiseb suċċess, tnax-il pubblikatur irrifjuta li jippubblikah.

Għalhekk, ma jimpurtax jekk ma ġġibhiex żewġ mill-ewwel, jekk tipprova timxi u taqa'. Dejjem għallmuna "jekk taqa', ara li terġa' tqum". Fil-fatt, ikun aħjar kieku barra minn hekk, trawwem ftit kurżità biex tara għalfejn waqajt u x'tista' titgħallem mill-waqa'.

Minflok ma niċħdu li ħadna żball u nibżgħu mill-kritika, ikun sabiħ kieku nrawmu mħabba lejn l-iżbalji u l-fallimenti, u nħarsu lejhom bħala opportunitajiet biex nitgħallmu, nikbru u nsiru iktar rikki.

Kull ġurnata hija ċans ieħor biex terġa' tipprova, opportunità ġdida biex tistinka ftit ieħor ħalli fl-aħħar jirnexxilek.

Meta nieħu żball, ma rridx iktar narani bħala falluta imma rrid inħobb lili nnifsi ftit iktar biex nifhem aħjar kif u għalfejn żbaljajt u kif nista' noqrob iktar lejn l-għan tiegħi.

L-għan m'għandu jkun qatt li tilħaq il-perfezzjoni – dak għan li l-ebda uman ma jista' jilħqu, minkejja li niġu bbumbardjati b'informazzjoni li twiegħdek il-perfezzjoni u l-ferħ assolut. Li titgħallem tgħix bl-imperfezzjoni huwa virtù li jgħinek tieħu paċenzja bik innifsek u tkun kuntent xorta waħda.

Il-ħajja ma tiġix b'*manual* b'kif suppost tgħix il-ħajja. Għalhekk, kun kurjuż, osserva, ħammeġ idejk, ipprova, ħu l-iżbalji, tgħallem u ikber. Fuq kollox, meta tara li xi ħadd żbalja jew falla, ħobbu ftit iktar. Għada hemm mnejn tagħmel l-istess żball int.

# Fejn se mmur?



**Mary Anne Zammit**

*Artista u Kittieba*

Minn din il-paġna, Mary Anne Zammit se tkun qed twassal tagħrif dwar attivitajiet kulturali li jkunu qed jiġu organizzati fix-xena lokali. Se jibdew jidhru wkoll intervisti ma' esponenti kulturali ewlenin, kemm artisti u anke kittieba fil-kamp lokali.

Biex nibdew illum ħsibt li ninkludi profil u nintroduċi lill-istess Mary Anne Zammit magħkom. Zammit hija gradwata mill-Università ta' Malta, Diploma in Applied Social Studies (Social Work), Diploma in Diplomatic Studies, Diploma in Freelance and Feature Writing mill-London School of Journalism u b'Masters fil-Probation.

Mary Anne hija wkoll attiva fil-qasam artistiku permezz tal-Arti u l-Letteratura. Sa mis-sena 2001 hi ħadet sehem f'diversi esebizzjonijiet tal-Arti kollettivi u anke solo, kemm lokalment u barra mix-xtutna.

Fost dawn, fl-2004 f'esebizzjoni kollettiva ġewwa *Museo Tempra fil-Gattopardo Palazzo Ducali fi* Sqallija. Kien hemm ukoll aktar esebizzjonijiet organizzati mill-*Malta International Biennale* u anke minn assoċjazzjonijiet lokali.

F'Ġunju 2018, Zammit ipparteċipat f'wirja internazzjonali tal-Arti kollettiva ġewwa *Mezzujosu,* Sqallija, fejn ingħatat premju; l-*Artista dell' Anno* bħala rikonixximent għall-kisbiet fil-qasam artistiku tagħha.

Ix-xogħlijiet artistiċi ta' Zammit dehru wkoll f'ġurnali internazzjonali bħal: *Art Ascent*, *Rejoinder Comparative Woman.*

Ix-xogħlijiet letterarji tagħha jinkludu rumanzi u poeżiji bil-Malti u anke bl-Ingliż. Ir-rumanzi jinkludu: *Id-Dell ta' l-Eżmeraldi*, *Ir-Raġel l-Iswed* u *Stupru.*

Dan ġie segwit mir-rumanz *Shattered Wings* ippubblikat mill-Mental Health Group, UK, kif ukoll *Tfal Misruqa,* u *Dawn in Seville.*

Diversi poeżiji ta' Mary Anne ġew ippubblikati ukoll f'*The Strand book for International Poetry* (Strand Publishers UK).

Il-poeżija *Love Beats* ġiet tradotta f'mużika u kantata minn kor immexxi minn Mro Reuben Pace matul l-i*Mdina Cathedral Art Biennale*. Aktar poeżiji dehru fil-ġurnal internazzjonali *Literature Today,* volumi 4, 5, 6 u 8.

Poeżiji oħra ġew ippubblikati f'*Taj Mahal Review Volume 15*, minn Cyberwit India, *New English Verse*, fuq *Praxis on Line Magazine for Arts and Literature,* u fuq l-*International Collection of Poetry and Prose on the Bravery and Horror of War,* f'edizzjoni oħra ta' *Betrayal and Being Betrayed*, edizzjoni Seasons, u proża bit-titlu *The Challenges of Finding Love, Empowerment, The Elements and Eros.*

Xogħlijiet oħra ġew ippubblikati fl-*International Contemporary Poetry Volume 4* u fil-*Qutub Minor Review Vol. 1.*

# L-Awtorità dwar *Standards* ta' Ħarsien Soċjali



**Matthew Vella**

*Kap Eżekuttiv*

*L-Awtorità dwar Standards ta' Ħarsien Soċjali*

F'Mejju 2018 ġiet imwaqqfa l-Awtorità dwar *Standards* ta' Ħarsien Soċjali ('l-Awtorità'), skont l-Att Numru XV tal-2018.

Bit-twaqqif ta' din l-Awtorità l-Gvern ser ifittex li jmexxi 'l quddiem u jistabbilixxi r-regolamentazzjoni tas-servizzi ta' wens soċjali mogħtija minn aġenziji jew entitajiet pubbliċi jew privati jew minn kull entità jew persuna oħra.

Permezz tal-Awtorità, il-Gvern ser jaħdem sabiex, fost oħrajn: jistabbilixxi *standards* regolatorji għal servizzi ta' wens soċjali; jgħin lill-provdituri ta' servizzi sabiex jipprovdu servizzi ta' kwalità għolja; jinforza l-i*Standards* u l-kundizzjonijiet stipulati fil-liċenzji mogħtija mill-Awtorità lill-provdituri ta' servizz.

B'mod ekwu u ugwali l-Awtorità ser tkun qed issegwi, teżamina u tinforza l-operat kollu li jinvolvi l-għoti ta' servizzi ta' wens soċjali minn l-imsemmija provdituri ta' servizz ta' wens soċjali; dan kollu ser isir permezz ta' djalogu u konsultazzjoni bejn il-partijiet konċernati sabiex il-proċess tar-regolamentazzjoni jkun wieħed kostruttiv.

L-Awtorità li hija mmexxija mis-Sur Matthew Vella, ser toffri servizzi ta' ħarsien soċjali fil-qasam tat-tfal, persuni b'diżabilità u anzjani fost oħrajn.




L-Awtorità bħalissa qed taħdem fuq bosta affarijiet. Fost dawn, l-i*Standards* li kienu se jkunu użati biex tirregola. Fil-fatt inħasset il-ħtieġa li jsir tibdil minn *Standards* Nazzjonali għal *Standards* Soċjali Regolatorji.

Dan peress li dawn ser ikunu *Standards* Leġislattivi. Id-differenza hi li l-i*Standards* Nazzjonali kienu jiġu segwiti b'mod volontarju u issa għandhom jiġu mħarsa peress li huma *Standards* Leġislattivi.

Matul dawn l-aħħar xhur l-Awtorità ħadmet bis-sħiħ flimkien ma' *stakeholders* differenti sabiex l-i*Standards* il-ġodda li qegħdin jiġu ppublikati jkunu kemm jista' jkun simplifikati u b'mod realistiku jkunu jistgħu verament jiġu implimentati minn *service providers* differenti.

Infatti, minn mudell ta' dsatax-il *Standard* qegħdin nitkellmu fuq mudell ta' seba' *Standards*. Dan bl-ebda mod m'hu ser inaqqas il-livell ta' servizz offrut.

Hawnhekk qed naraw *paradigm shift* minn mudell ta' *Standards* ibbażat fuq proċessi għal mudell ta' *Standards* li ser ikun iffukat fuq ir-residenti, il-bżonnijiet u l-aspirazzjonijiet tagħhom. Dan kollu ser iħalli impatt pożittiv fuq il-ħajja tal-istess residenti.

Kif wieħed jista' jinnota, fl-Avviż Legali għal kull *standard*, l-Awtorità ħadet ħsieb li għal kull wieħed tistabbilixxi sett ta' indikaturi ta' kwalità.

**Ikompli f'paġna 31>**

# Direttur ġdid Servizzi Korporattivi



**Rita Calleja**

*Direttur Servizzi Korporattivi*

Is-Sinjura Rita Calleja neè Darmanin twieldet nhar is-26 ta' Jannar 1966. Hija miżżewġa lil Igino li jaħdem bħala Chief Engineer ma' kumpanija lokali.

Attendiet l-iskola St Joseph, Raħal Ġdid, u aktar tard dik tal-Blata l-Bajda. Segwiet l-istudji tagħha fil-Liċeo l-Ġdid, l-Imsida, fejn kisbet is-suġġetti fil-livell Avvanzat.

Fl-1985 daħlet l-Università ta' Malta taħt l-i*Student Worker Scheme*. Gradwat fl-1990 fl-Amministrazzjoni Pubblika, u tliet snin wara mill-*London College of Music*.

L-ewwel sitt snin xogħol tagħha kienu bħala Uffiċjal Amministrattiv (AO) li llum nirreferu għalih bħala Uffiċjal Prinċipali.

Dan kien fit-Taqsima tal-*Accounts* tad-Dwana. Hemmhekk kienet tesegwixxi xogħol relatat mal-ħruġ tal-*containers*.

F'Awwissu 1996, wara eżami kompetittiv kienet ġiet appuntata bħala Prinċipal Anzjan.

Ta' min jgħid li din kienet l-ewwel darba li sar dan l-eżami fiċ-Ċivil. Fil-fatt hi kienet ġiet trasferita fid-Dipartiment tas-Servizzi dwar Tfal u Familja f'Santa Venera fi rwol ta' Kap tas-Sezzjoni tal-Amministrazzjoni.

Fl-2003 għamlet intervista wara sejħa għall-applikazzjonijiet għal *Manager* Riżorsi Umani u Amministrazzjoni mal-Awtorità dwar Logħob u Lotteriji.

Damet f'din il-kariga sal-2009 fejn fl-2010 marret lura fiċ-Ċivil, fid-Dipartiment tal-Istandards fil-Ħarsien Soċjali (DSWS) li llum saret l-Awtorità tal-Istandards fil-Ħarsien Socjali.

Fl-2011 kienet appuntata bħala Assistent Direttur (Finanzi u Amministrazzjoni.)

Okkupat din il-kariga sal-14 ta' Jannar li għadda. Nieħdu l-okkażjoni biex nifirħu u nawguraw lis-Sinjura Calleja l-ħidma t-tajba, issa fi rwol ta' Direttur għas-Servizzi Korporattivi. F'waħda mill-ħarġiet li jmiss ta' 'Familja' is-Sinjura Calleja se tkun qed tiġi intervistata bħala l-Personalità ta' 'Familja'.

Minn paġna 30 > Matthew Vella

Fil-Linji Gwida, kull min joffri servizz ser isib numru ta' indikaturi ta' prestazzjoni li huma linji gwida tanġibbli li ser jgħinu lil maniġment u lil professjonisti varji sabiex joffru servizz tal-ogħla kwalità.

Dawn il-Linji Gwida ser ikunu wkoll disponibbli għar-residenti u l-pubbliku inġenerali bħala *Easy Read* li huwa miktub b'mod mhux tekniku bl-għan li jilħaq lil kulħadd.

Dan is-sett ta' *Standards* Soċjali Regolatorji qed iniedi riforma importanti ħafna li ser twassal għal era ġdida għal qasam regolatorju fis-settur ta' ħarsien soċjali. Ser naraw li l-prinċipji ta' dinjità, għażla, privatezza u twettieq tal-potenzjali jingħataw l-importanza meħtieġa sabiex is-servizzi ta' ħarsien soċjali jkunu ta' livell għoli.

# Karriera ta' 23 sena mad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali



**Emanuel Muscat**
*Kittieb u Riċerkatur*
*Patrimonju kulturali u militari tal-Qrendi*

Jien twelidt il-Qrendi. Għandi 58 sena, ġuvni u minn dejjem bqajt ngħix f'raħal twelidi. Ħadt l-edukazzjoni tiegħi fil-Primarja, fis-Sekondarja u fl-Istitut Tekniku.

Minn ċkuniti dejjem kelli l-interess lejn il-patrimonju kulturali, speċjalment dak tal-Qrendi. Għadni niftakar sew, minn mindu kont tifel kont nattendi u ninteressa ruħi fil-festi, kemm tal-Qrendi, kif ukoll tal-irħula viċin.

Wara li għamilt il-griżma dħalt abbati u ta' 11-il sena kont għamilt il-priedka tal-Milied fil-quddiesa ta' nofs il-lejl.

Ta' 12-il sena bdejt nitgħallem l-arti tat-tpinġija u niftakar sew qisu l-bieraħ meta fl-1973 kienet saret kompetizzjoni ta' tpinġija fl-iskejjel tal-Gvern u t-tpinġija tiegħi ntgħażlet biex tkun esebita f'wirja ma' tpinġijiet oħra fil-Belt Valletta.

Wara spiċċajt inpinġi l-bnadar tal-festi però minħabba ċerti ċirkustanzi ma komplejtx b'dan id-delizzju. Minflok bdejt ninteressa ruħi fil-fotografija kif għadni sal-lum.



Wirja dwar il-Konvoj ta' Santa Marija fil-Qrendi : Awwissu 2018

Kont akkwistajt kamera li għal dak iż-żmien kienet ta' kwalità tajba. Għalkemm qatt ma kont xi wieħed professjonali, matul is-snin ġbidt mijiet ta' ritratti.

L-ewwel ma bdejt fil-festi tar-raħal, f'diversi pajsaġġi, kemm fil-Qrendi kif ukoll madwar Malta, u mbagħad komplejt f'diversi okkażjonijiet li kienu jsiru fil-Qrendi bħal ngħidu aħna, f'Jum il-Qrendi.

Ta' 20 sena, jien flimkien ma' grupp ta' żagħżagħ tampari, bdejt nitgħallem strument mużikali mal-Banda Santa Marija tal-Qrendi.

Wara li ħriġt indoqq kont domt 28 sena bandist ma' din il-banda. Fl-1981 dħalt fil-Korp tad-Dejma u ftit snin wara kont impjegat mas-servizz pubbliku bħala messaġġier.

Issa ilni impjegat mad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali 23 sena. Bejn l-2005 u l-2008 servejt bħala Kunsillier fil-Kunsill Lokali tal-Qrendi. Fl-2009 bdejt nokkupa l-kariga ta' Segretarju tal-Fratellanza tas-Santissimu Sagrament tal-Qrendi.

F'dawn l-aħħar 25 sena ktibt diversi artikli interresanti, ħafna minnhom dwar il-militar b'konnessjoni mar-raħal tal-Qrendi. Dawn kienu ppubblikati fil-ktieb tal-festa ta' Santa Marija tal-Qrendi.

Niftakar sew li meta kelli 18-il sena kont għadni kif tlaqt mill-iskola u bdejt ninteressa ruħi fl-ajruplani. Dak iż-żmien ma kienx hawn internet u biex inkun aġġornat, l-ewwel bdejt nixtri *magazines* Ingliżi tal-avjazzjoni. Ħafna minnhom għadhom għandi sal-lum. **Ikompli >**

Kitba dwar il-Mitjar tal-Qrendi stampat fl-2013


IL-FORTIZZA ta' Has-Sejjiek


Il-Mitjar tal-Qrendi jagħlaq 71 Sena

kitba ta' Emanuel Muscat

Artiklu dwar il-Fortizza ta` Ħaġar Qim stampat fl-1999

Minn paġna 32 > Emanuel Muscat

Fil-bidu kienu jinteressawni l-ajruplani moderni. Fil-fatt fl-1977 kien għad hawn Malta stazzjonat ir-*Royal Air Force* u kont bdejt immur Ħal Luqa niġbed ir-ritratti tal -ajruplani militari.

Għandi kollezzjoni kbira ta' ritratti tal-ajruplani meħuda minni, kemm hawn Malta kif ukoll barra.

Madwar 25 sena ilu mbagħad, bdejt ninteressa ruħi fl-ajruplani antiki, l-iktar ta' żmien it-Tieni Gwerra Dinjija.

Fl-1990 waqt li kont għal vaganza ġewwa Londra, għamilt żjara fl-*Imperial War Museum* u fettili nżur l-arkivji ta' dan il-mużew.

Kien hawn li rnexxieli nsib sett ritratti meħuda fl-10 ta' Novembru 1942 meta kien inawgurat il-mitjar li kien ingħata l-isem tar-raħal tal-Qrendi – RAF Krendi.

Min dak iż-żmien ma waqaftx nirriċerka dwar l-istorja ta' dan il-mitjar li għalkemm ma tantx hu msemmi, iżda kellu sehem kbir permezz ta' tliet skwadri tar-RAF bl-i*Spitfires*, kemm qabel, kif ukoll waqt l-invażżjoni ta' Sqallija matul l-1943.

Dan il-mitjar dam jopera 10 xhur, jiġifieri mill-10 ta' Novembru 1942 sat-30 ta' Settembru 1943.

Nista' ngħid li jien kelli x-xorti niltaqa' ma' diversi persuni Ingliżi li kienu servew hawn Malta matul il-gwerra.

F'April tal-1991 kien hawn delegazzjoni mill-*Malta George Cross Association* u wieħed mill-membri, Stanley Fraser, kien għamel żjara fil-fortizza ta' Ħaġar Qim li tinsab fi triq li mill-Qrendi tieħdok lejn l-inħawi ta' Ħaġar Qim.

Dan Stanley Fraser fl-eqqel tat-Tieni Gwerra Dinjija kien stazzjonat hawn Malta mar-*Royal Artillery* u serva bħala *Gunner* f'din il-fortizza li kellha erba' kanuni kbar ta' kontra l-ajruplani.

B'kumbinazzjoni waqt din iż-żjara tiegħu fil-Qrendi ltqajt miegħu u mill-ewwel sirna ħbieb. Minn għandu ksibt ħafna informazzjoni dwar din il-fortizza.

It-Tieni Parti ta' dan l-artiklu fil-ħarġa li jmiss.

# Ħames snin mit-twaqqif tal-Fondazzjoni **Nanniet Malta**



**Philip Chircop**
*Fundatur : Nanniet Malta*

Il-kliem tal-Papa Franġisku, li dejjem saħaq dwar l-impatt li n-nanna tiegħu kellha f'ħajtu, kien li nebbaħ lis-Sur Philip Chircop li joħloq Fondazzjoni li tiġbor flimkien in-nanniet fil-Gżejjer Maltin.

F'moħħ il-fundatur kien hemm il-ħsieb li jqanqal kuxjenza dwar ir-rwol sinifikanti li għandhom in-nanniet fis-soċjetà u ż-żminijiet tal-lum.

Il-ħsieb tiegħu ntgħoġob minn numru ta' nanniet li tħajru jsiru membri ta' din il-Fondazzjoni għaliex sabu fiha ambjent li fih setgħu joħolqu ħbiberiji li joffrulhom appoġġ fil-ħajja tagħhom ta' kuljum.

Min ried juri u jħaddem it-talenti tiegħu, sab min jinkoraġġih u japprezza l-ħiliet tiegħu.

Min xtaq isib kumpanija biex jegħleb is-solitudni u qtigħ il-qalb, sab grupp ta' nies ferrieħa li jimpenjaw ruħhom f'diversi modi ta' anzjanità attiva.



Il-Fondazzjoni 'Nanniet Malta' tagħti appoġġ lin-nanniet billi tħeġġiġhom jgħixu ħajja attiva u dinjituża waqt li toffrilhom nifs ġdid billi torganizza ħarġiet kulturali u ta' divertiment, safar, laqgħat ta' informazzjoni, kif ukoll lezzjonijiet ta' *Line Dancing* u tal-*Computer*.

Għal kuntrarju, jinfetħulhom bibien għal opportunitajiet ġodda permezz tad-diversi kuntatti li l-Fondazzjoni tfittex li toħloq ma' entitajiet differenti li jaħdmu favur l-anzjani u persuni ta' ċerta età, bħalma hi l-Università tat-Tielet Età.

'Nanniet Malta' twaqqfet f'pajjiżna fit-23 ta' Settembru 2013. Xahar wara ġiet imwaqqfa ukoll fergħa f'Għawdex.

Sitt xhur biss xhur wara, fit-12 ta' Marzu 2014, tressqet mozzjoni fil-Parlament fejn b'vot unanimu l-Parlament iddekreta li kull Tieni Ħadd ta' Ottubru jibda jiġi ċċelebrat 'Jum in-Nanniet' mill-Fondazzjoni fuq skala Nazzjonali.

### *Ħarsa lejn dawn l-aħħar ħames snin mit-twaqqif ta' 'Nanniet Malta'*

Ta' kull sena 'Nanniet Malta' żżomm seduta tal-'Parlament tan-Nanniet' taħt il-Presidenza tal-i*Speaker* l-Onor. Anġlu Farrugia, fejn jiġu diskussi temi importanti bħal per eżempju...

It-twaqqif ta' Jum Ewropew tan-Nanniet, li s'issa għadu ma jeżistix fl-Ewropa. Il-Fondazzjoni hi wkoll imsieħba ma' diversi Organizzazzjonijiet Mhux Governattivi fi Brussel, bħal 'Age Platform' fejn flimkien qed naħdmu biex għall-ewwel darba jkun hemm Jum Ewropew tan-Nanniet.

**Ikompli >**



# Nanniet Malta

*"Il-Fondazzjoni għandha bżonn ta' aktar voluntieri biex tkompli bil-ħidma u l-proġetti tagħha madwar Malta u Għawdex."*

Minn paġna 34 > Philip Chircop

*Paġna Facebook : Nanniet Malta / E-Mail : nanniet.malta@gmail.com*
*Telephone : 2144 6568 / 2144 7304 / Mobile : 9920 7043*

Fil-Parlament tan-Nanniet ġew diskussi diversi temi fosthom iċ-ċaħda tal-aċċess tan-nanniet għan-neputijiet u viċi versa. Fid-dawl ta' dan, ġiet ippreżentata petizzjoni lill-Kumitat tal-Kamra tal-Petizzjonijiet fil-Parlament, iffirmata minn aktar minn 2,000 persuna, u din qed tiġi kkonsidrata fuq dan il-livell.

Konferenza Nazzjonali, li nżammet fl-2018, qanqlet aktar għarfien bil-għan li titkattar aktar tolleranza u x-xejjen l-arroganza li biha qed jiġu ttrattati n-nanniet mit-tfal u l-familjari tagħhom.

F'dan il-proċess, qed jiġu mgħarbla ċerti proposti dwar emendi fil-liġi tal-familja sabiex tiġi estiża b'tali mod li nanniet ta' rieda tajba jingħataw drittijiet li jkomplu bl-għożża tan-neputijiet meta uliedhom ikunu qed jisseparaw, u fl-istess ħin, jiġu salvagwardati d-drittijiet tat-tfal li jibqa' jkollhom aċċess għan-nanniet tagħhom.

Fit-8 ta' Diċembru 2018 fil-Ġonna ta' San Anton ġie nawgurat monument ddedikat lin-Nanniet mill-Eċċellenza Tagħha l-President ta' Malta Marie-Louise Coleiro Preca, b'turija ta' rikonoxximent lejn ir-rwol li għandhom in-nanniet fil-familja u s-soċjetà Maltija.

Illum billi l-maġġoranza tal-ġenituri żgħażagħ jaħdmu t-tnejn, in-nanniet qed jassumu responsabbiltajiet akbar fit-trobbija tan-neputijiet peress li qed jgħixu flimkien għal ħinijiet twal. Hekk in-nanniet jistgħu jinfluwenzaw il-karattru u l-morali tal-ġenerazzjoni u ċ-ċittadinanza futura ta' pajjiżna.

Ta' kull sena s-Segretarjat għall-Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva jniedi l-Premju tal-Anzjanità Attiva fejn f'Ottubru 2018 il-Fundatur ta' 'Nanniet Malta', Philip Chircop, rebaħ il-premju bħala l-'Voluntier tas-Sena' minħabba fl-għadd ta' attivitajiet li jiġu organizzati f'dan il-qasam f'ġieħ in-Nanniet Maltin u Għawdxin.

Tul dawn il-ħames snin infetħu diversi ċentri reġjunali biex jintlaħqu aħjar nanniet fid-diversi lokalitajiet, b'kollaborazzjoni sħiħa ma' numru ta' Kunsilli Lokali. Dawn jinsabu fil-Gżira, Ħaż-Żabbar u l-Mosta.

Qed isiru arranġamenti biex il-presenza ta' dawn tkun ukoll fil-lokalitajiet ta' Tas-Sliema, is-Swieqi, iż-Żejtun, iż-Żurrieq u nħawi oħra, kif ukoll f'Ċentri u Djar tal-Anzjani, kemm tal-Knisja u kemm dawk privati.

# Testimonjanza ta' esperjenza sabiħa minn Donatur tad-Demm, illum irtirat

Koordinazzjoni > Tony Micallef



**Philip Mizzi**
*Donatur tad-Demm*

Għażiż ħabib/a li qed/a taqra din it-testimonjanza li qiegħed inwassallek biex teħodha bis-serjetà u taħseb fiha kif jien ħsibt fiha u finalment aċċettajtha bħala xi ħaġa sabiħa, kif verament hi!

Jien Philip Mizzi, raġel tal-familja b'żewġt ulied, illum kbar, iltqajt mal-okkażjoni tal-għoti tad-demm b'kumbinazzjoni.

Kien żmien il-Milied u l-kumpanija li magħha kont naħdem, għall-ħabta tal-Milied organizzaw festin lit-tfal tal-impjegati.

Bħas-soltu jien kont ħadt lit-tfal akkompanjati minn ommhom għal dan il-festin, għax il-missirijiet ma kinux permessi li jidħlu. Bħali kien hemm irġiel oħra kollha konoxxenza tiegħi.

Bħalma dejjem isir meta jiltaqgħu nies b'interess komuni, inġbarna qaqoċċa u kulħadd jgħid tiegħu. Ħin bla waqt, inqala' t-Tabib Pawlu Farrugia, it-tabib tal-kumpanija.

Kif rana miġburin inparlaw, resaq fuqna u bi tbissima fuq wiċċu, qalilna, "Issa flok qegħdin hawn tparlaw waqt li qed tistennew lit-tfal jispiċċa, mhux aħjar mortu għamiltu donazzjoni tad-demm?



Bħal dawn iż-żminijiet niġu bżonnu żgur!" Xi ħadd minn fostna, qallu; "Nagħtu d-demm fejn?... L-isptar?"... Dr Farrugia wieġeb; "Le, jekk intom interessati li tagħmlu dan l-att ta' karità tridu tmorru fil-Berġa tal-Kavallieri ta' Malta, fi Triq Sant Ursola l-Belt Valletta."

Kien sar il-ħin u l-festin kien wasal biex jispiċċa. Kif bdew ħerġin it-tfal u l-ommijiet biex jirritornaw lura d-dar, jien ġbidt l-attenzjoni lil dawk l-irġiel li konna nistennew u għidtilhom "X'ser nagħmlu? Ser niftehmu u mmorru flimkien fil-Klinika tal-Kavallieri, u nagħtu pinta demm jew?"

Kien hemm min qal iva mill-ewwel u kien hemm min tfantas, u fost ħafna skużi rrifjuta li jiġi ma' dawk li konna aċċettajna.

Dak kien il-bidu ta' 'avventura' li kont nistenna minn jum għall-ieħor... il-ġurnata li kont inkun nista' mmur nagħti d-demm.

Ma niftakarx sew kemm-il darba tajt demm fil-klinika tal-Belt, imma naf żgur li kien numru mhux ħażin ta' drabi.

Dnub li dak iż-żmien xejn ma' kien jiġi rrekordjat fuq il-kompjuter, u allura lanqas dan ma' kien irrekordjat għand l-entità attwali tas-Servizz Nazzjonali tat-Trasfużjoni tad-Demm.

Kellna biss ktejjeb żgħir fejn min kien jamministra l-ġbir tad-demm kien iniżżel xi dettalji dwar id-donazzjoni u jiffirmalek fuqu.

Sfortunatament dan id-dokument kien intilifli waqt li kont qiegħed inġorr l-għamara minn post għall-ieħor, meta jien u l-familja bdilna d-dar fejn noqogħdu.

**Ikompli >**

Minn paġna 36 > Philip Mizzi




Meta dan is-servizz hekk nobbli u sabiħ ġie f'idejn it-tmexxija tal-Isptar San Luqa l-istorja kienet waħda oħra. Il-bżonn li jkollok servizz tal-għoti tad-demm huwa bżonn kardinali.

Immaġina li jkollok emerġenza fil-pajjiż u tiġi bżonn ammont kbir ta' demm biex tlaħħaq mad-domanda għall-persuni mweġġgħa.

Persuni li forsi anke mweġġgħin gravi, u fl-istess ħin ħażna ta' demm ma jkunx hemm fl-isptar? L-emerġenza ssir waħda kaotika u gravi.

Għalhekk int li qed taqra dawn il-kelmtejn li ħassejt li għandi naqsam magħkom, kieku kemm ikollna moħħna iktar mistrieħ li kieku nafu li, minbarra li għandna servizz tas-saħħa bl-aħħar u bl-aħjar teknoloġija, ikun ukoll fornut bi provvista ta' demm adekwata biex tilqa' għal kull emerġenza li tista' tiġi fuqna.

Kemm inħossuna aktar żguri mis-Servizz tas-Saħħa, li hu mogħni b'tim ta' professjonisti dedikati, lesti għal kull eventwalità ta' bżonn ta' demm, għalina l-Maltin u dawk li jiġu jżuru pajjiżna?

Għall-iskwadra ta' professjonisti li għal ħafna mill-ħin ta' ħajjithom ikunu hemm għal kull tip ta' emerġenza, il-ħażna tad-demm hija rekwiżit tal-ogħla importanza.

Għalhekk lil dawn il-professjonisti ddedikati għall-għajnuna tal-proxxmu rridu ngħinuhom.

Aħna bħala ċittadini għandna d-dmir li nwieġbu għal kull sejħa għad-donazzjonijiet tad-demm li ssir minn żmien għal żmien, sew jekk aħna donaturi, u wisq iktar jekk wieħed ma jkunx, u fl-istess ħin saħħtu tkun tippermettilu.

Illum bħala donatur irtirat nassigurakom li mawra saċ-Ċentru tal-Għoti tad-Demm ta' ħdejn l-Isptar San Luqa jew fil-*mobile blood donation unit*, inkella fil-Berġa l-Ġdida tax-Xewkija, rinnovata bħala sit għall-għoti tad-demm f'Għawdex, tkun waħda pjaċevoli u ta' sodisfazzjon li bħalha qatt ma tkun esperjenzajt qabel.

Apparti kollox, dan minħabba li l-istaff kullimkien hu wieħed ġentili u jagħmillek din iż-żjara waħda memorabbli.

# Bla ċertifikati



**Tonio Bonello**

*Editur Media MFCS*

Darba kien hemm ġuvni ħawtiel u bieżel li, minkejja li fi ċkunitu ma kellux l-opportunità li bħal tfal oħrajn imur l-iskola u jitgħallem għaliex kien jgħin lil missieru biex forsi jdaħħlu xi ħaġa żejda għal familja, akkost ta' kollox ried li jaħdem u jirsisti biex għada pitgħada jkun jista' jieħu l-istat tiegħu, ikollu familja u jkollu daru.

Darba waħda Pawlu (għax hekk kien jismu) sema' li kienet ħarġet sejħa għal post vakant ta' għassies ma' latrina. Dan applika u ftit jiem wara rċieva biex imur għal intervista.

Id-Direttur staqsieh għaċ-ċertifikati però dan ma kellux. Staqsieh jafx Ingliż u Taljan, u Storja u Ġeografija.

"Imma dan kollu biex sempliċiment nidħol naħdem għassa ma' latrina, sinjur?" Ħareġ mill-uffiċċju mbikkem u telaq lura lejn dar ommu u missieru bi dwejjaq kbar. Jiem wara rċieva li ma ntgħażilx.

Iżda s-sens ta' tama, kuraġġ u determinazzjoni kienu akbar mid-diżappunt li kien qed jiffaċċja quddiemu.

Iltaqa' fit-triq ma' mara anzjana li kienet tinħtieġ tibjida tajba fil-kċina tad-dar tagħha. "Taħseb tagħmilha?", staqsietu.

Pawlu ma ħasibhiex darbtejn u wieġeb iva, anke jekk qatt qabel ma kien mess pinzell b'idejh.

Il-biċċa xogħol marret tajjeb u dik ix-xwejħa għaddietlu kelma tajba mal-ġirien. Bdew iqabduh minn kull xorta ta' xogħol, u hu qatt ma rrifjuta.

Il-fama ta' ħidmietu u s-sens veru ta' lealtà wassluh biex ix-xogħol żdied aktar milli basar tant li miegħu issa daħħal jgħinu ġuvni ieħor. Ftit xhur biss wara lanqas huma t-tnejn ma bdew ilaħħqu u kellu jżid żewġt irġiel oħra.

Fi żmien sena biss kien diġà qed jimpjega sitta oħra miegħu. Xtara kmajra żgħira li minnha Pawlu ħoloq negozju ieħor. Jixtri affarijiet qodma jew ma jaħdmux, jirranġahom u jerġa' jbigħhom. Maż-żmien investa f'ħanut ieħor simili, iżda f'lokalità differenti.

Sentejn wara ħa l-ewwel kuntratt biex jibni blokka kbira appartamenti u jlestiha. Sid il-blokka iżda ma wasalx fil-flus.

**Ikompli >**

Minn paġna 38 > Tonio Bonello



# Ma stajtx immur skola

Ftehmu li dan ilestihielu kompletament bil-kundizzjoni li flok ħlas, minna jagħtih żewġt appartamenti. Hekk sar u kif Pawlu lestihom, dan sab jikrihom mill-ewwel.

Għaddew is-snin u rnexxielu jsib tfajla u jiżżewġu u kellhom it-tfal. U ra l-ħolma tiegħu, għalkemm b'ħafna tbatija, issir realtà. Dan hekk kif issa kien irnexxielu jtemm ix-xogħol fuq l-istess dar tiegħu. Iżda ma waqafx hemm.

Ta' età medja issa kien qed jinnegozja fil-proprjetà u l-aħħar akkwist tiegħu kien ix-xiri ta' lukanda żgħira li sidha kiber u rtira, u dan xtaq li flok titwaqqa' u ssir appartamenti, minflok tgħaddi għand ħaddieħor bit-tama li tkompli titmexxa bħala lukanda.

Darba waħda Pawlu kien mistieden f'riċeviment li għalih kienu mistiedna l-ogħla esponenti tal-pajjiż. Fost dawn iltaqa' ma' negozjant magħruf u bdew jitkellmu bejniethom.

In-negozjant qallu, "Smajt bik. Irrid ngħidlek prosit għax maż-żmien ħadt kull opportunità li ġietek u rnexxielek titla' tarġa tarġa u Alla jbierek wasalt s'hawn f'qasir żmien." U kompla kurjuż in-negozjant...,

"Aqtagħli l-kurżità, f'liema università kont tistudja?" Pawlu kemmxejn imbarazzat sar aħmar nar u għal bidu tħawwad x'jaqbad iwieġbu, iżda mbagħad bejnu u bejn ruħu qal, "Isbaħ mill-verità m'hawnx"...

"Sinjur, jien mhux talli kont l-università, talli qatt ma stajt immur, lanqas l-iskola primarja u ċertifikati m'għandix!"

U n-negozjant sorpriż wieġbu. "Mela li kieku kont taf l-iskola u ksibt iċ-ċertifikati x'kont tkun?"... U Pawlu b'umiltà kbira wieġbu... Kieku sinjur, kieku jien illum xogħli għassa ma' latrina!...

*B'dedika lil dawk il-persuni li għal diversi ċirkostanzi sfortunati fil-ħajja ma setgħux ikomplu l-iskola jew ma rnexxewx u li tilfu u/jew għadhom qed jitilfu opportunitajiet ta' xogħol, anke jekk forsi huma fost l-aktar persuni kreattivi, impenjati u determinati li jista' għandna fostna!*

*Kuraġġ...*






Ċentru Servizz Familja – servizz.gov kien uffiċjalment inawgurat nhar l-Erbgħa 20 ta' Marzu 2019 fil-Floriana u dan se jkun qed joffri diversi servizzi speċjalizzati fosthom dawk fuq is-sigurtà soċjali, dawk konnessi mal-anzjani u persuni b'diżabilità, u dwar ħarsien soċjali.

Iċ-ċentru se jkun qed joffri wkoll servizz b'appuntament fejn numru ta' impjegati pubbliċi minn entitajiet varji li jaqgħu taħt il-kappa tal-Ministeru se joffru servizz ta' espert fil-qasam rispettiv tiegħu.

Dawn l-entitajiet jinkludu l-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbilità, il-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali, id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, u d-Dipartiment tal-Anzjanità Attiva.

Il-one-stop-shop se jkollu wkoll uffiċċju ta' servizz.gov biex jekk wieħed ikollu bżonn jinqeda fuq servizzi governattivi oħra jista' jagħmel dan taħt saqaf wieħed. It-tnedija ta' dan il-one-stop-shop saret mill-Ministru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali, Michael Falzon u mis-Segretarju Permanenti Ewlieni s-Sur Mario Cutajar.

F'konferenza tal-aħbarijiet, il-Ministru Michael Falzon qal li ċ-Ċentru Servizz Familja jixhed l-impenn li jingħata servizz ta' kwalità lejn il-familja fid-diversi forom tagħha, speċjalment dawk l-aktar vulnerabbli.

Il-Ministru Falzon enfasizza li dan il-pass sar bil-kollaborazzjoni tas-Segretarju Permanenti Mario Cutajar, tat-taqsima tas-servizz.gov u tal-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali.

Iċ-ċentru se jkun operat minn seba' ħaddiema (tnejn mis-servizz.gov flimkien ma' ħames aġenti tekniċi) li lkoll ingħataw taħriġ speċjalizzat biex ikunu jistgħu jaqdu każijiet marbuta ma' dan il-Ministeru.

Iċ-ċentru sar b'investiment ta' €500,000 u se jkun miftuħ mit-Tnejn sas-Sibt mit-8.00am sas-1.00pm u nhar ta' Erbgħa mill-5.00pm sas-7.30pm, is-sena kollha.